# Intietef minn Grajjiet il-Banda San Gorg Martri

**It-Twaqqif Taghha**

Fis-sena 1893, f'Malta qamet kwistjoni dwar il-legati taz-zwieg bejn l-awtoritajiet tal-knisja ta' Malta u l-istudenti tal-unversita'. Minn din it-taqliba hargu zewg opinjonijiet. Bhal nar go foresta nfirxu mal-irhula u l-ibliet kollha. Ghall-habta ta' Ottubru laqtet lil Hal Qormi.Il-knisja biex turi fehmitha twebblet taghmel l-ewwel "meeting" pubbliku f'Rahal l-Ifran. Ghal din l-okkazjoni, stiednet lill-Banda Pinto, l-uniku banda f'dak iz-zmien f'Hal Qormi biex tiehu sehem b'marc. Il-kumitat taghha ma qabilx, x'aktarx li ma riedx jidhol bejn il-basla u qoxritha. Izda malajr inholqot firda fl-Ghaqda Muzikali Pinto, u nistghu nghidu li htija t'hekk twieldet il-Banda San Gorg Martri, fuq hidma sfiqa tas-Sur Giuseppe Farrugia li nhatar bhala l-ewwel President flimkien ma' xi partitarji ohra Qriema. Il-jum ezatt mhux maghruf meta twaqqfet il-banda l-gdida, ghalkemm haga nkixfet, li ma daqqetx fil-festa ta' dik is-sena zgur, izda lejn it-tmiem ta' l-istess sena. Ghalhekk qed jinzamm il-jum tradizzjonali u popolari ta' nhar is-7 ta' Ottubru.

Il-Banda l-gdida mlaqqma "Tal-Werqa" kisbet popolarita' kbira u isimha twahhal mal-festi kollha fil-Gzejjer Maltin. X'aktarx li ghal xi zmien issejhet ukoll il-Banda tal-"Guzeppini" jista' jkun minhabba li l-fundatur kien jismu Guzeppi. Sintendi f'Hal Qormi minbarra fil-festa titular bdiet tiehu sehem shih fil-Gimgha Mqaddsa kif ukoll fil-festi sekondarji li kienu hafna fil-Belt Pinto fosthom dik ta' San Bastjan Martri. Tul is-snin sehhew bosta grajjiet ohra u se nsemmu biss dawk ta' nteress generali. Din il-banda twaqqfet bil-ghan li ssahhah il-gid kulturali f'pajjizna. M'hemmx dubju li tul is-snin ghallmet u harget ghadd kbir ta' bandisti u muzikanti li pprovditilhom taghlim u strumenti b'xejn. B'hekk kull tant snin ikollha tixtri diversi strumenti. Sahansitra fl-ewwel snin sa lejn is-snin sittin bosta membri akkaniti kienu jiftiehmu johorgu xi flus minn buthom ghall-istrumentatura.

<u>Il-hatra ta' MRO. Carmelo Abela bhala l-ewwel Surmast.</u>

**1894:** 7 ta' Jannar – Fis-sena ta' wara t-twaqqif taghha il-banda tidher li kienet impenjata mhux hazin ghax issemmiet li kellha diversi programmi. Daqqet f'Jannar darbtejn, wiehed minnhom f'San Bastjan. Kellha tnejn ohra fil-Belt, fix-xhur ta' Lulju u f'Awissu. F'dawn tal-bidu, is-surmastrijiet Gorg Zarb u Guzi Portelli x'aktarx biex jaghtu daqqa t'id fit-treggija tal-banda kienu huma li hadu hsieb id-direzzjoni taghha, ghax ufficcjalment bl-ewwel Surmast direttur jista jitqies li kien Mro.Carmelo Abela li dam imexxi mill-1894 sa 1898. _

**1895:** Il-festa ta' San Gorg Martri, din is-sena kienet wahda kemmxejn specjali. Fic-celebrazzjonijiet li saru t-Tnejn u t-Tlieta 22 u 23 ta' April neta l-vara titular zzanznet b'modifiki li saritilha minn kif skolpiha Pietru Felici fl-1741.

Is-Sur Emanuel Farrugia jinhatar President wara l-mewt ta' missieru.

**1895**: Wara l-mewt tal-fundatur Giuseppe Farrugia li halliena fit-28 ta' Gunju, it-tmexxija tal-kazin nghatat lil ibnu Emanuel. Il-missier indifen fil-knisja parrokjali ta' San Gorg Martri.

**1896:** Fl-okkazjoni ta' meta nxteghel l-ewwel darba d-dawl elettriku, l-banda giet mistiedna ddoqq Programm Muzikali fi Pjazza Regina l-Belt.

**1897:** Is-sena gubilari li fiha gie mfakkar is-sittin sena tar-renju tar-Regina nhar it-22 ta' Marzu, fl-istess misrah fil-Belt, il-Banda esegwiet Programm Muzikali iehor.

Il-Banda tghaddi f'idejn Mro.Vincenzo Carabott.

**1898:** Il-Banda San Gorg Martri ghaddiet f'idejn Mro.VIncenzo Carabott. Is-surmast li hallielna l-Innu l-Kbir sabih "A San Giorgio" li jindaqq fil-programm tradizzjonali ta' lejliet il-festa.

**1901:** F'April kellha servizz doloruz u mhux tas-soltu ghax indaqq fil-Gimgha l-Kbira filghodu. Habat il-funeral tal-bandist zaghzugh Gorg Farrugia ta' 32 sena u kien idoqq il-bumbardun.

**1902:** Il-banda nghatat l-ewwel trofew mill-Onor Deputy governor fir-Royal Festivities, kif ukoll li l-istandard irjali li probabli gie pprezentat fl-istess okkazjoni.

**1904:** Il-Hadd 31 ta' Jannar fit-3.00 ta' wara nofs inhar, indaqq program li ntemm bis-selezzjoni "Agnese Visconti" taht id-direzzjoni ta' Mro.Vincenzo Carabott. Il-banda giet ipprezentatha bl-istandard tal-Papa mill-Kappillan Manwel Pace f'isem il-kleru tal-parrocca u li tbierek mill-Isqof.

Jinhatar is-Sur Anton Stivala bhala President.

**1904:** Anton Stivala b'Seduta Generali li dik il-habta kienu jivvutaw il-bandisti biss, jilhaq president tal-Kazin tal-Werqa.

**1906:** Izzanznet l-istatwa ta' San Gorg fuq iz-ziemel, li nhadmet minn Vincenzo Cremona f'tas-Sliema. Din l-istatwa tal-kumitat Festi Esterni, tintrama' fil-pjazza ta' San Frangisk u baqghet tintrama sal-2006.

Mro.Nikola Montebello jiehu f'idejh it-tmexxija tal-banda.

**1906:** Nikola Montebello nhatar is-surmast direttur tal-banda. Is-surmast li baqa' jfakkarna f'hilietu bil-valzi tal-Ghid il-Kbir, fost ghadd ta' kompozizzjonijiet ta' pregju kbir ghax rebhuh unuri barra minn xtutna.

Il-Presidenza tghaddi f'idejn is-Sur Robert Bencini.

**1911:** Jinhatar bhala president Robert Bencini li imbaghad dam fil-kariga ghal disgha snin.

**1914:** Ghalkemm faqqghet l-Ewwel Gwerra Dinjija, certi manifestazzjonijiet b'inqas pompa saru xorta.

Is-Sur Emanuele Mizzi isir il-president il-gdid u jizzanznu l-valzi tal-Ghid.

**1920:** Inhatar President is-Sur Emanuele Mizzi li dam fit-tmexxija ghall-erba' snin.

**1920:** F'din is-sena raw avveniment important fil-kazin. Is-surmast Nikola Montebello kkompona is-seba' Valzi tradizzjonali tal-Ghid il-Kbir li huma meqjusa bhala l-aqwa tax-xorta taghhom. Mhux biss il-poplu Qormi jkun qed jistenniehom imma wkoll id-dilettanti Maltin. Il-Hadd fl-4 ta' April, 1920 indaqqu l-ewwel darba fil-purcissjoni tal-irxoxt.

Jinhatar Mro.Ganni Vella wara Mro.Nikola Montebello.

**1924:** Din is-sena rat ukoll it-tmiem ta' l-ingagg ta' Mro.Nikola Montebello u postu hadu Mro.Ganni Vella.

**1924:** 23 ta' April, fil-festa zzanznet l-ewwel bandalora taghna li nhadmet f'Milan b'finezza kbira. Bhala pittura ghandha lil San Gorg fuq iz-ziemel jissielet mad-dragun.

Jinhatar is-Sur Fort Ellul bhala President.

**1924:** Din is-sena sehhet il-bidla fil-kariga ta' president bil-hatra tal-Prokuratur Legali is-Sur Fort Ellul, li dam fit-tmexxija sa 26 sena wara.

**1925:** F'Jannar, madwar 10 xhur wara li nghata l-kariga ta' Surmast, Mro.Ganni Vella dderiega l-ewwel darba l-banda fost il-poplu Qormi fi pjazza San Frangisk, fejn inghata wkoll rigal ta' xi oggett prezzjuz. Tul is-snin wara Mro.Vella halla bosta xoghol sabih fosthom marci funebri, li ghadna ngawduhom sa llum. Bhala tifkira tieghu, b'hajr lil uliedu, ghandna wkoll it-trumbun, l-istrument lit ant ghamel isem bih.

**1929:** F'dan iz-zmien il-festa kienet tigi ccelebrata f'April f'Jum San Gorg. Il-banda ghamlet marc kolossali tul Triq il-Kbira li beda mill-inhawi maghrufa bhala l-Ghajn tal-Bhejjem, illum taghmel parti mill-parrocca ta' San Sebastjan u ntemm fejn il-Knisja ta'

San Gorg. Dak inhar il-banda nghatat “Trophy” u Standard Amerikan mill-partitarji Qriema li jghixu fl-Amerika.

Sehhet il-mewt tal-ex surmast Nikola Montebello.

**1930:** Fis-6 ta’ Mejju, fl-eta’ ta’ 57 sena , miet fid-dar teighu Nru, 78 Triq San Pietru f’Hal Qormi, is-surmast Nikola Montebello li jibqa’ fuq kollox maghruf ghall-kompozizzjonijiet tieghu, il-valzi ta’ l-Ghid u siltiet muzikali ohra ta’ prestigju.

**1930:** 7 ta’ Mejju sar il-funeral tal-mibki surmast Nikola Montebello. Il-banda Werqista akkimpanjatu bil-marci funebri kif kien jisthoqqlu.

F’lejliet il-festa jindaqq l-Innu “A San Giorgio” ta’ Vincenzo Carabott.

**1931:** Il-banda Werqista, fl-ewwel jum tat-tridu ta’ San Gorg ta’ din is-sena daqqet programm fuq il-palk principali fejn fost muzika ohra ndaqq l-innu “A San Giorgio” ta’ Vincenzo Carabott, u f’jum il-festa filghaxija mill-gdid daqqitu fuq l-istes palk.

**1932:** Fost l-allievi li hargu jdoqqu fil-Gimgha l-Kbira ta’ dik is-sena nsibu lil Frans Falzon u Guzeppi Magri li aktar tard dan inhatar is-Surmast ta’ R.M.A. kif ukoll surmast mal-banda Pinto.

**1933:** Hargu l-ahhar grupp ta’ bandisti godda mill-kazin li kellha n-numru 417 fi Triq il-Kbira, ghax is-sena ta’ wara dahlet fis-Sede prezenti li fost il-bandisti li hargu kien hemm Nikol Mamo, Cikku Farrugia, Ganni Abela u Saver Gatt li aktar tard lahaq Assistant Surmast.

**1934:** 26 ta’ Frar inghaqad mal-Mulej, il-president is-Sur Emanuel Farrugia.

Il-Banda San Gorg Martri tidhol fil-kazin li ghandha llum.

**1934:** Nhar 6 ta’ Mejju l-Ghaqda Muzikali San Gorg Martri dahlet fil-post fejn qed tghammar illum u dan il-lokal xtratu fit-18 ta’ Marzu, 1984 b’att pubbliku quddiem in-Nutar Gerard Spiteri Maempel.

**1934:** Fi Frar sar il-pussess tal-kappillan Dun Anton Vella u l-banda San Gorg Martri daqqet flimkien mal-Banda Pinto.

Twaqqfet il-kumpanija Teatrali Anici u saret il-Parrocca ta’ San Bastjan ukoll.

Meta sehhet il-qasma fir-rahal taghna, is-Sede tal-Banda Pinto twahhlet mal-parrocca l-gdida. Xi snin wara l-banda taghna hadet is-servizzi kollha fil-parrocca ta’ San Gorg f’idejha.

**1936:** Twaqqfet il-kumpanija Teatrali Anici bit-thabrik tas-Sur Rafel Muscat maghruf bhala rafel 'Tal-Ittri' li nhatar bhala l-ewwel direttur. Din il-kumpanija tat sehem shih fit-tixrid kulturali f'Hal Qormi. Matul is-Sajf, tul is-snin, fil-bitha tal-kazin, fejn twieldet, u kienet tigbed mijiet ta' dilettanti tal-palk. Rebhet diversi konkorsi teatrali ta' prestigju. Bhala diretturi tul is-snin kellha lis-Sinjuri Eddie Depasquale, Gorg Bartolo, Joseph Camilleri "Il-Pere" u Gorg Schembri "Id-Diss".

**1938:** Billi l-banda San gorg Martri kienet iddoqq bl-uniformi taghha tas-Sajf, fis-servizz li kellha fil-festa tal-qaddis Giljanu f'San Giljan, din is-sena kellha tkun l-ahhar darba li libsitha.

**1939:** Fil-15 ta' Awissu fl-okkazjoni tal-ewwel quddiesa tas-Sacerdot Qormi Dun Lawrenz Saliba hargu jdoqqu ghall-ewwel darba l-bandisti Leli Mangion (il-Kina), Gorg Scicluna (l-Asja), Gorg Mifsud, Guzeppi Agius (Baskal), Carmelo Deguara u Carmelo Muscat. Hadu l-lezzjonijiet tal-muzika minghand is-Surmast Angelo Pulicino.

<u>L-ewwel banda li ddoqq f'Xandira diretta fuq ir-Rediffusion u jizzanzan l-innu Popolari Fjur tal-Martri.</u>

**1945:** Il-Banda San Gorg Martri kienet l-ewwel banda li daqqet programm f'xandira diretta fuq ir-Rediffusion fi zmien il-presidenza tas-Sur Fortu Ellul Prokuratur Legali.

**1945:** 19 ta' April, il-Hamis l-ewwel Jum tat-Tridu, izzanzan l-innu popolari ta' San Gorg Martri maghruf bhala "Fjur tal-Martri" versi tal-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila u muzika ta' Mro.Guzeppi Camilleri. L-Ghaqda Muzikali San Gorg Martri kienet li zanznitu u tajjeb insemmi li kien sar fuq inizzjattiva tas-Sur Gorg Azzopardi maghruf bhala "il-Buzu" li miet f'Hamis ix-Xirka 12 ta' April 2001.

**1946:** Sal-1945 il-marc ta' Jum il-festa ta' San Gorg kien isir wara nofs inhar, mis-1.00 'il quddiem. Izda wara talba tal-imsiehba partitarji tal-kazin minn din is-sena beda johrog filghodu kif nafuh illum.

**1947:** Sehh tibdil strutturali fil-kazin. Tnehhew xi kmamar mill-pjan t'isfel biex issir Sala mdaqqsa, spazju akbar fejn jehdew is-Soci. Is-Sala Nikola Montebello tkabbret ukoll.

<u>Ingiebet l-istatwa ta' San Gorg fuq iz-ziemel fil-kazin.</u>

**1947:** 21 ta' Settembru, ingiebet l-istatwa ta' San Gorg fuq iz-ziemel li tpoggiet qrib il-gnien fil-bitha tal-kazin, li tidher mill-faccata tal-bieb ta' barra. Xoghol il-maghruf skultur Qormi, Marco Montebello. Tbierket mill-E.T.Mons.Isqof Emanuel Galea, Isqof Awziljarju u Isqof Titulari ta' tralles fost briju u hruq ta' sfafar u trikki trakki, fil-prezenza tal-kappillan Dun Anton Vella u l-president is-Sur Fort Ellul P.L. Dak inhar sar marc kbir u l-ghada sar programm li daqq fih Mro.Abel Mizzi li snin wara sar is-surmast tal-banda. Dan il-progett sar bit-thabrik tas-Sinjuri, Censu Agius (Ta' Pesieset), Guzeppi Agius, Leli Zammit (il-

Lejli), Wigi Cassar (Ta' Madalen) u Salvu debono, li kienu partitarji kbar. Ma dawn trid izzid, dawk li hadmu l-pedistall jigifieri lil Cikku Farrugia (Cekcek), Ninu Casha (Iz-Zina) u Censu Grech (Il-Mastrudaxxa) li dan tal-ahhar hazzez u naqqax l-arma tal-Anici (kunjom San Gorg) li tinsab fuq quddiem tal-pedistall ta' taht l-istatwa. Lill-iskultur Montebello inghata wkoll curkett bhala rigal minbarra l-hlas ta' Lm 250 ta' xoghlu. Dak inhar kien sar marc kbir u l-ghada sar programm taht id-direzzjoni ta' Mro.Ganni Vella.

Ghadd kbir ta' bandisti (31) jaghmlu d-debutt taghhom mal-banda

**1947/48:** F'intervista lis-Sur Patrick Brancaleone kellu ma' bandist anzjan is-Sur Geatano Borg dan stqarr li f'dawn is-sentejn partikulari hargu jdoqqu madwar 31 bandist gdid fosthom hu. Geatano zied jghid li hu hareg idoqq qabilhom, f'zewg funerali li kienu wiehed ta' Frenc ta' gallaru li kien il-katubier tal-banda u l-iehor ta' Ganni Montebello (Ta' Makri) li jigi hu s-Surmast Nikola Montebello u missier Marco Montebello l-iskultur. Il-bandisti li ftakar kienu Nenu Ruani, Guzeppi Bonnici, Pawlu Camilleri, Cikku Mangion, Guzeppi (l-Pipi), Abel Mizzi li wara sar surmast, Leli Cremona, Gorg Mangion (Il-Wajwaj), Pawlu Brancaleone, Gudei Galea, Speditu ta' Fieli, Gorg Mallia, Guzeppi Cini, Gorg Mintogg, Indri Zammit, Kelinu Agius, Gorg Cardona u Indri Ungaro. Hafna minnhom kollha frott ix-xoghol tal-assistant surmast Saver Gatt.

Tithabbar il-mewt ta' Rafel gatt "Tal-Ittri" u l-Avukat Gorg Zammit jinhatar President.

**1948:** 8 ta' Lulju thabbret il-mewt tas-Sur Rafel Muscat "Tal-Ittri". L-ewwel direttur tal-Kumpanija Teatrali Anici. Lill-kazin hallielu wkoll xi xoghlijiet muzikali bhal marci funebri. Rafel kellu ghal qalbu l-istrumenti tal-korda bhall-vjolin, kitarra, bangu u l-madolina.

**1950:** Saret il-hatra tal-Avukat Gorg Zammit bhala president tas-Socjeta'. Fi zmienu tbiddel ir-regolament li jivvutaw il-bandisti biss u maghhom zdiedu s-soci wkoll. Pass ghaqli tabilhaqq. L-Awtur tal-ewwel innu tal-banda li aktar tard il-kumitat amministrattiv xtaq li jinbidel, fil-fatt kien twarrab xi snin qabel ghax l-originali jista' liberalment jitqies bhala innu lil San Gorg. L-Avukat Zammit jibqa' maghruf kemm ghall-poeziji mirqumin tieghu izda l-aktar ghall-istejjer ta' Wenzu u Rozi li halaqhom f'ambjent rahal twelidu. Dan il-Qormi ghamel gieh kbir lil Art Twelidu.

Jigi ngaggat Mro.Anton Muscat Azzopardi.

**1950:** Din is-sena gabitilna tmexxija gdida wkoll tal-banda bil-hatra tas-surmast Anton Muscat Azzopardi. A. Mus. L.C.M. li hallielna l-Innu sabih tal-banda Werqista li rega beda jindaqq aktar ta' sikwit bil-versi tas-Sur Gorg Bianchi li tqabbad biex jiktbu mill-Kumitat attwali.

**1950:** F'Hadd il-Palm, Gwido Saliba ma' ghadd ta' bandisti godda hareg idoqq mal-banda taghna. Tharreg taht Mro.Anton Muscat Azzopardi. Aktar tard Gwido serva mal-kumitat fost karigi ohta bhala Direttur Generali u meta rtira b'radd il-hajr ta' hidmietu nhatar "Emeritus".

**1950:** 7 ta' April ghall-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira kellna mistednin distinti lill-Gvernatur Sir Gerard u s-Sinjura tieghu Lady Creasy li qaghdu jarawha mill-gallerija tal-kazin.

**1951:** 21 ta' Settembru l-Hadd f'Seduta Generali taht it-presidenza ta' Dr.Gorg Zammit inghata d-dritt tal-vot lill-imsiehba Werqisti, wara talba taghhom stess. Sa dik il-habta kienu jivvutaw biss il-bandisti.

**1953:** Is-Sena ta' l-inkurunazzjoni tar-Regina, l-Ghaqda taghna rceviet stedina biex tippartecipa fl-isfilata tal-karrijiet biex jikkomemoraw l-inkurunazzjoni tar-Regina u Dun Gorg Bonello heggeg lill-Kumitat biex sehem il-kazin ikun b'San Gorg fuq iz-ziemel, li jintrama fil-pjazza. Mal-istatwa, l-karru zzejjen bil-fjuri, hajru xi tfajliet jilbsu, kull wahda b'faxxa bl-isem fuqha tal-kolonji. Tant inghogob li ttiehdulu ritratt li stampawh fuq ktieb li xtered ma' l-erbat irjieh tad-dinja.

**1953:** 17 ta' April mistednin specjali ohrajn fil-kazin kienu l-Commander in Chief Fisher tal-Flotta tal-Mediterran u l-istaff tieghu u mill-gallerija qaghdu jaraw il-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira.

**1953:** Bejn it-3 u l-10 ta' Mejju, ghall-festa ta' San Gorg izzanzan il-plancier tal-hadid li jintrama f'misrah San Frangisk.

<u>Tithabar il-mewt tas-Surmast Ganni Vella.</u>

**1955:** L-Erbgha 16 ta' Frar, is-surmast Ganni Vella halla dan il-wied tad-dmugh. Jumejn wara sar il-funeral tieghu u bosta bandisti Werqisti marru jdoqqu mal-banda Nicolo Isourd, bhala turija ta' rispett.

**1955:** Fost il-bandisti li hargu jdoqqu din is-sena kien hemm Alfred Micallef li baqa' l-uniku wiehed li baqa' attiv fosthom u ghamel karriera twila. Hareg idoqq l-ewwel darba fil-festa tal-Qalb ta' Gesu'.

<u>Il-Banda ddoqq fi tliet okkazjonijiet ta' tliet sacerdoti novelli.</u>

**1957:** 28 ta' April, il-Hadd filghodu l-banda wasslet lis-sacerdot novell Dun Karm Grech mid-dar tieghu fi Triq il-Kbira sal-knisja parrokkjali ghall-ewwel quddiesa sollenni tieghu. Xi jiem wara waqt reciviment li sar fil-kazin, f'giehu, Dun Karmipprezenta dghajsa tal-latini tal-fidda biex tibqa' fil-kazin bhala tifkira.

**1957:** 12 ta' Mejju, l-hadd filghodu kif sar mal-qassisin novelli l-ohra, l-banda daqqet fl-okkazjoni tal-ewwel quddiesa ta' Dun Karm Casha mid-dar tieghu f'Santa Katarina sal-Knisja parrokjali. Dan il-qassis pprezenta rigal ta' tifkira lill-kazin taghna.

**1957:** 19 ta' Mejju, il-Hadd filghodu, b'ferh kbir il-banda Werqista akkumpanjat lil Dun Pawl Genovese mid-dar tieghu fi Triq San Pietru sa fuq iz-zuntier tal-knisja parrokjali tal-

qaddis Patrun San Gorg Martri fl-okkazjoni tal-ewwel quddiesa tieghu. Dun Pawl irregala rigal ta' tifkira lill-Ghaqda taghna.

Rafel Gatt jirregala lill-kazin statwa tal-fidda San Gorg fuq iz-ziemel mahduma minnu stess.

**1958:** Fil-festa tal-Patrun taghna, il-kazin gie rregalat bi statwetta tal-fidda ta' San Gorg fuq iz-ziemel mis-Sur Rafel Gatt bandist anzjan mal-banda taghna. Kien idoqq il-kwartin jew klarinett. Rafel kien genju ta' landier u hallielna bosta tifkiriet tieghu li huma mizmuma b'ghozza kbira fis-socjeta taghna. Kollha mahduma b'sengha u reqqa kbira. Kollha xoghol ta' pregju kbir.

Tizzanzan il-bandiera "il-prima".

**1959:** F'din is-sena, kienet izzanznet il-bandiera li kulhadd kien isibha b' "il-Prima" li tabilhaqq kienet l-ghaxqa tal-Qriema. Kienu hadu hsieb jigbru ghaliha sikspenz (2c5) fil-Gimgha fost ohrajn is-sinjuri Cikku Farrugia (Cekcek), Carmelo Spiteri (Amleto) li ghall-bosta snin serva ta' segretarju tal-kazin barra li kien ukoll bandist, George Camilleri (ic-Cincwina jew Gorg ta' Gola), Karmnu Agius u Gorg (Ic-Ciri) kollha nies li hadmu bis-shih ghall-gid tal-kazin. Diversi opri fis-Socjeta' taghna saru bis-sahha taghhom, fejn ghadom jitgawdew sal-lum.

Jizzanzan l-arblu li ghal bosta snin kien l-itwal wiehed f'Malta.

**1961:** F'Hadd il-Palm izzanzan l-arblu l-gdid tal-kazin ta' 60 pied tul. Maghdud bl-itwal u l-isbah arblu bicca wahda ghal bosta snin. Inxtara minghand sid ta' skuna u kien mehtieg li jitqassar bi tleit peidi u nofs u jitraqqaq hxuna ta' pulzier minn tarf sa iehor skond il-bzonn. Hadmu fuqu Angelo Qasha mlaqqam "Il-Buccaj" u Censu Grech zewg mastrudaxxi ta' sengha kbira. Dam jinhaddem aktar minn 26 jum.

Mro.Abel Mizzi jinhatar surmast direttur tal-banda.

**1962:** F'Jannar, jinhatar il-Kav.Abel Joseph Mizzi A.Mus.LCM bhala surmast direttur, wara r-rizenja ta' Mro.Anton Muscat Azzopardi. Mro.Mizzi jibqa' mfakkar ghall-introduzzjoni tal-ewwel tfajliet mal-baned Maltin kif ukoll it-tliet innijiet 'O vos Omnes', 'O Poplu Tieghi' u "Quddiem id-Duluri' li jindaqqu fil-Gimgha l-Kbira l-aktar popolari fosthom 'Quddiem id-Duluri'. Taht id-direzzjoni tieghu l-banda aktar tard rebhet il-Konkors tal-baned.

**1963:** 21 ta' April, fuq stedina tal-habrieki sacerdot Dun Karm Grech, il-kappillan tal-Fergha f'Hal Qormi, ghamel zjara lill-Belt twelidna l-Kardinal Joseph Cardijn, il-fundatur tal-Moviment taz-Zghazagh Haddiema Nsara. Inghata merhba kbira kif ghadda minn quddiem il-kazin taghna.

Isir l-ewwel programm strumentali f'misrah San Frangisk minn Mro.Abel Mizzi.

**1963:** F'lejliet il-Festa ta' San Gorg Martri, il-banda li ggib ismu taht id-direzzjoni ta' l-Kav. Mro.Abel J Mizzi sar ghall-ewwel darba il-programm strumentali f'misrah San Frangisk li ghalih attendew diversi mistednin distinti.

**1965:** Gie rrangat il-palk teatrali fil-bitha li ghalih il-Kanonku Dun Gorg ta daqqa t'id gmielha biex sar kif nafuh, sakemm tnehha snin wara meta ssaqfet il-bitha. Wara kienet saret serata ghas-soci.

**1965:** F'lejliet il-festa ta' San Gorg li habat l-ewwel programm vokali u strumentali taghha, mal-banda hadu sehem il-baxx is-Sur Piju Zammit u l-kor tal-Hamrun immexxi mir-rev.Dun Guzepp Cachia.

<u>Wiehed mill-qraba tal-fundatur Guzeppi Farrugia jipprezenta Standard Amerikan.</u>

**1966:** fil-21 ta' Mejju jigifieri f'Lejliet il-festa, meta kienet ghadha ssir f'Mejju, fil-programm li sar f'misrah San Frangisk, f'isem is-Sur Guzeppi Farrugia wiehed mill-qraba tal-fundatur, l-Ambaxxatur Amerikan E.T. George Feldman ipprezenta standard Amerikan lill-banda.

**1967:** Fil-programm tradizzjonali ta' lejliet il-festa, wara ghadd ta' snin rega' ndaqq l-'Inno A San Giorgio' ta' V.Carabott.

<u>Hargu jdoqqu l-ewwel 3 tfajliet mal-banda li fethu t-triq ghall-bqija.</u>

**1967:** 24 ta' Marzu fil-Gimgha l-Kbira fuq l-inizzjattiva ta' Mro.Abel J.Mizzi hargu jdoqqu ghall-ewwel darba mal-banda., tliet tfajliet li fethu t-triq ghall-bqija tal-baned l-ohrajn. Dawn kienu l-ahwa Josette u Elizabeth Aquilina u bint is-surmast stess, Mary Mizzi. Beda t-tahrig taghhom sentejn qabel.

<u>Beda jsir il-marc popolari tal-Hamis.</u>

**1969:** Beda jsir il-marc popolari tal-Hamis li jattendu ghalih folol kbar u fit-tmiem tieghu f'misrah San Frangisk tittellgha l-istatwa ta' San Gorg fuq iz-ziemel. Jinghad li erba' membri akkaniti Lawrence Agius (il-kaxxier tal-banda), Nikola Mamo, Pawlu Theuma u Salvu Debono 'Ta' Patata' hadu hsieb jigbru l-fondi ghall-ispejjez, fl-ewwel snin tieghu. Imbaghad, maz-zmien, il-banda San Gorg Martri bir-ragun kollu ghamlet dan il-marc popolari taghha. Bis-sahha taz-zghazagh fi hdanha kiseb popolarita' kbira ghax sar fost l-aqwa f'dawn il-gzejjer. 'Ta' Patata' kien strumentali biex tinbidel is-sistema kif tittella' l-istatwa lum.

**1969:** Fis-17 u t-18 ta' Mejju, f'lejliet il-festa ta' San Gorg Martri, l-eccellenza tieghu Mons.Nikol Cauchi l-Isqof ta' Ghawdex kien mistieden fil-kazin.

<u>Sar il-funeral tas-Sur Rafel Gatt ex-bandist u l-bniedem li hadem il-legiju tal-fidda.</u>

**1970:** 23 ta' Settembru, thabret il-mewt tas-Sur Rafel Gatt, li barra li kien idoqq il-kwartin jew il-klarinett mal-banda taghna kien genju ta' Iandier. Fost ix-xoghlijiet kbar tal-idejn u mprezzabbli li hallielna fil-kazin li hadimhom fil-fidda, insibu statwetta ta' San Gorg fuq iz-ziemel, il-legiju u statwetta tal-granmastru Pinto.

**1972:** Din is-sena rat jaghmlu debutt taghhom ghadd ta' bandisti li kellhom ikunu ta' gid kbir bid-dedikazzjoni taghhom ghas-socjeta taghna, Tonio Febech, Twanny Zammt (Ta' l-istrumenti) u Pawlu Grech li baqghu attivi u aktar tard taw il-kontribut taghhom ukoll fil-kumitat. Maghhom fost bandisti ohrajn li whud minnhom jew telqu mill-Ghaqda jew waqfu milli jdoqqu nsibu lil Joseph u Gorg Spiteri, Joseph Casha, Gorg Cumbo u Rita Zahra.

<u>Il-Kanonku Dun Gorg Bonello jinhatar President.</u>

**1972:** jinhatar president tas-Socjeta' il-Kan.Dun Gorg Bonello minflokk l-Avukat Gorg Zammit.

**1974:** Wara sentejn presidenza tal-kan. Bonello, is-Sur Victor Formosa ntaghzel bhala l-president il-gdid. Huwa dam sal-1978 ghax kien emigra lejn il-Kanada.

<u>Tinfetah ufficjalment is-Sala Montebello.</u>

**1975:** 14 ta' Gunju, infethet ufficcjalment is-sala Nikola Montebello mill-President ta' Malta Sir Anthony Mamo u tbierket minn Mons. Arcisqof Sir Michael Gonzi. Wara sar reciviment kbir fil-kazin.

**1976:** 24 ta' Mejju, is-Sinjuri Gorg Schembri u Lawrence Agius ipprezentaw il-Kwadru kbir tal-Granmastru Pinto li nhadem mill-artist Emanuel Borg Gauci. Huma hadu hsieb jigbru minghand l-imsiehba Werqisti l-flus biex sar wara l-proposta li saret minnhom fis-seduta tal-kumitat li saret fis-27 ta' April u din tinsab fis-Sala Nikola Montebello.

**1977:** Fil-15 ta' gunju, ghall-festa ta' din is-sena, zzanzan l-arkivju l-gdid li nhadem minghajr hlas mill-imghallem Emanuel Debono maghruf 'Ta' Nora' fuq inizjattiva tal-kaxxier Wenzu Agius (Tal-Banka), Salvu Debono (Ta' Patata) u Gorg Schembri (Id-Diss).

**1978:** Wara r-rizenja tas-Sur Formosa li rritorna lejn il-Kanada, ha f'idejh it-tmun tal-kazin zijuh is-Sur Ismael Mizzi li mbaghad baqa' fil-kariga sal-1990.

**1978:** Nhar il-5 ta' Awissu, halla din id-dinja biex jingabar fi hdan il-Mulej is-Sur Lawrence Agius li ghal snin kien il-kaxxier u membru habrieki tal-kazin. Il-banda wasslitu sac-cimiterju bid-daqq ta' marci funebri. Hafna kienu jsibuh bhala Wenzu tal-Banka. Saru diversi progetti fil-kazin bis-sahha ta' hidmietu.

**1980:** Sar kuncert Vokali u Strumentali taht id-direzzjoni ta' Mro.Abel J Mizzi fl-Istitut kattoliku bil-partecipazzjoni tas-Soprano Catherine Gauci, it-tenur Andrew Sapiano u l-Baritonu Joe Fenech.

<u>Il-mewt tas-Sur Saver Gatt li kien ghalliem tal-allievi.</u>

**1980:** 3 ta' Frar halla dan il-wied tad-dmugh is-Sur Saver Gatt li barra bandist mal-banda Werqista ghamel snin bhala assistent surmast. Xoghlu kien haddied tas-sengha u bhala karattru barra li kien dhuli u cajtier kellu qalbu f'idejh.

**1980:** 3 ta' Frar, f'dan il-jum ukoll thabbret il-mewt ta' Guzeppi Agius (Ta' Bramel) fil-ghomor ta' 75 sena. Membru fil-kumitat u partitarju akkanit.

**1982:** 19 ta' Jannar, inghaqad fi hdan il-Mulej, fl-eta' ta 51 sena Gorg Camilleri maghruf bhala Gorg ta' gola c-Cincwina wiehed mil-membri l-aktar attiv fil-kazin.

**1982:** F'Hadd il-Palm hareg idoqq bandist wiehed Charlie Baldacchino bil-Comu.

**1982:** il-Hadd 16 ta' Mejju, delegazzjoni mill-kazin taghna laqghet stedina mill-kumitat tal-banda Pinto bl-ghan li l-banda San Gorg tippartecipa fil-festi li thejjew ghall-ftuh tal-Knisja ta' San Bastjan.

**1982:** It-Tnejn 17 ta' Mejju, taret il-kamra tan-nar ta' San Gorg Martri. B'rizultat tal-ispluzzjoni hallew hajjithom Nenu Zammit, u Anthony Cefai u Guzeppi Agius.

<u>Il-baned San Gorg Martri u Banda Pinto jdoqqu fil-funeral tal-vittmi tal-kamra tan-nar.</u>

**1982:** Fis-19 ta' Mejju, il-banda San gorg Martri daqqet flimkien mal-banda Pinto fil-funeral tal-vittmi tan-nar, tal-kamra tal-Parrocca ta' San Gorg. Il-funeral tal-ewwel zewg vittmi Nenu Zammit u Twanny Cefai. Guzeppi (Baskal) ma mietx mill-ewwel.

**1982:** jumejn wara halliena Guzeppi agius u fil-funeral tieghu daqqet biss il-banda taghna.

**1982:** 21 ta' Settembru il-bandist Carmelo Ciappara miet tragikament fuq ix-xoghol u nissel dieqa kbira fuq is-Socjeta' taghna.

**1982:** 23 ta' Settembru il-banda akkumpanjatu fil-funeral tieghu b'marci funebri mill-knisja Arcipretali San Gorg Martri, sac-Cimiterju tal-parrocca.

**1983:** Wara li s-sena ta' qabel kienet xotta mill-bandisti, din is-sena zdiedet sew. Hargu Patrick Brancaleone, Gorg Bianchi, Lucienne Mercieca, Joe Curmi u Salvu Agius f'Hadd il-Palm.

Fuq stedina mill-Kappillan tal-Parrocca ta' San Bastjan biex il-banda Werqista ddoqq fl-okkazjoni tal-ftuh ufficjali tal-knisja.

**1983:** il-hadd filghodu 30 ta' Mejju il-banda ghamlet marc fl-okkazjoni tal-ftuh tal-knisja ta' San Bastjan, minn hdejn il-kazin sa quddiem il-knisja. Akkumpanjawna, l-Arcipriet tal-parrocca Dun Edgar Attard u l-kappillan Dun Vincens Deguara.

Il-Banda San Gorg Martri tirbah il-konkors tal-Baned.

**1983:** Il-Hadd 4 ta' Dicembru thabbar ir-rizultat tal-konkors tal-baned imniedi mill-Ministeru tal-Kultura: fl-ewwel post b'punti massimi harget rebbieha il-Banda Werqista jigifieri ta' San Gorg Martri. Il-banda kisbet il-premju msejjah "Il-Banda Tar-Repubblika 1983,84". Pagna minquxa b'ittir tad-deheb fl-istorja glorjuza tal-banda li kienet taht id-direzzjoni ta' Mro.Abel J Mizzi.

Jinxtara l-kazin u jsir proprjieta' tal-Ghaqda.

**1984:** 18 ta' Marzu, sar ix-xiri tal-kazin b'kuntratt maghmul min-Nutar Gerald Spiteri Maempel. Fit-tliet karigi principali kienu Ismael Mizzi (President), Gorg Schembri (Kaxxier) u Carmelo Spiteri (Segretarju).

Isir il-marc f'Sibt il-Ghid u l-ghada wkoll wara d-dhul tal-vara tal-irxoxt. It-tnejn ghall-ewwel darba.

**1984:** il-bandisti li hargu dis-sena f'Hadd il-Palm, kienu twanny Zammit (il-baggies), Stephen Farrugia, William Mintoff, Mario Frendo u Mario Testa li snin wara nhatar is-surmast tal-banda taghna.

**1984:** f'din is-sena, f'Sibt il-Ghid bil-lejl, Gorg Bianchi bhala delegat tal-banda ghaqqad 7 bandisti u flimkien mal-katuba li dejjem harget wehidha, daru t-toroq tal-parrocca jdoqqu l-valzi ta' Montebello, b'hekk twieled dan is-servizz li dahal fil-kalendarju Werqista.

**1984:** bit-thabrik tal-istess delegat, Gorg Bianchi beda jsir il-marc qasir minn fuq iz-zuntier sal-kazin wara d-dhul tal-vara tal-Irxoxt liema marc twaqqaf fuq insistenza tal-awtoritajiet tal-knisja f'Hal Qormi, fis-sena 2003.

Jitfakkar il-50 anniversarju mid-dhul tal-banda fil-kazin.

**1984:** fis-6 ta' Mejju tfakkar il-50 sena mid-dhul tal-banda fil-kazin prezenti billi nkixfet l-irhama komemorattiva mill-president is-Sur Ismael Mizzi u li tbierket minn Dun Edgar Attard, B.A. (Hons) Lic.D. Arcipriet u direttur spiritwali tas-Socjeta'. Fil-bitha tal-kazin saret quddiesa kkoncelebrata mill-arcipriet, Dun Edgar Attard, Dun Alwig Deguara u l-Kan. Dun Gwakkin Schembri. Inkitbet u nqrat poezija ghall-okkazjoni minn Gorg Bianchi.

**1984:** ghall-festi ta' gewwa, ta' din is-sena kien mistieden l-Eminenza l-Kardinal Luigi Ciappi u nhar it-8 ta' Lulju zar il-kazin taghna.

Jitkisser il-ftehim milhuq bejn il-baned San Gorg u ta' Pinto.

**1984:** Kien intlahaq ftehim bejn il-kazini ta' Pinto u ta' San Gorg Martri biex ghall-festa ta' San Bastjan, il-Banda Werqista tmur idoqq il-hadd filghaxija. Izda billi l-partitarji Werqisti gew urtati bl-atteggjament hazin ta' xi partitarji Bastjanizi waqt il-marc ta' filghodu, il-partitarji Gorgjani ma hallewx lill-banda Werqista twettaq is-servizz taghha minkejja l-interventi tal membri tal-kumitat.

**1984:** il-Hadd 8 ta' Lulju, zar il-kazin taghna l-Eminenza l-Kardinal Luigi Ciappi.

**1985:** F'din is-sena n-nixxiegha muzikali ssokktat tati l-frott bil-bandisti godda Joseph Mamo, Doreen Brancaleone (xebba Brincat), Vince Sammut u Tarcisju Schembri, Neville Camilleri, Marosca Anna Farrugia, Marco Spiteri, Franky Block u Stephen Farrugia u Tarcisio Schembri.

**1985:** L-Assistent surmast taghna Archie Mizzi kiseb id-diploma ta' A.Mus.L.C.M u nghata rigal ta' tifkira mill-bandisti tal-post waqt festin li sar f'giehu mill-kumitat nhar is-16 ta' Frar, tas-sena ta' wara.

Tohrog ir-rivista annwali fuq inizzjativa ta' Gorg Bianchi ghall-ewwel darba.

**1985:** Ghall-festa ta' San Gorg Martri, fuq inizzjativa tas-Sur Gorg Bianchi (l-ewwel editur) harget l-ewwel pubblikazzjoni Annwali tal-kazin bl-isem tal-Banda San Gorg Martri Ssellem.

Il-banda ddoqq fl-akkademja fil-knisja.

**1985:** Il-Hadd 23 ta' Gunju, meta zzanznu l-bradella u l-bankun tal-vara titulari ta' San Gorg. Il-banda taghna tellghet akkademja Muzico-letterarja fil-knisja arcipretali. L-awturi nnifishom qraw ix-xoghlijiet taghhom il-Kan Dun Gwakkin Schembri, Dun Pawl Genovese. L-Kav. Carmel Bianchi u n-nutar Antoine Agius LL.D. Ph.D. Mal-banda li kienet taht id-direzzjoni ta' Mro Abel J Mizzi ha sehem it-Tenur J.Huber.

**1986:** 2 ta' Jannar, miet Fredu Debono "Tal-Bezzi" partitarju akkanit u membru tal-Ghaqda taghna kif ukoll missier il-bandist Gorg u Mary Grace Debono. Kien ihit il-pavaljuni tal-festa.

**1986:** F'Hadd il-palm, il-familja muzikali ssokktat titkattar bil-bandisti godda. Marylne Camilleri, Connie Sciberras, Michelle Zahra, Shawn Xuereb, Annabelle Bonello u Joseph Mamo.

Il-Banda ddoqq fil-kumpless il-gdid tan-nar.

**1986:** 4 ta' Mejju, il-banda kienet mistiedna mill-Ghaqda tan-Nar 23 ta' April, ghall-ftuh ufficcjali tal-kumpless tal-kamra tan-nar, San Gorg Martri. Il-kxif tal-irhama sar mill-membru l-aktar anzjan is-Sur Salvu Baldacchino "Tal-Mejlaq" u tbierket mill-arcipriet tal-parrocca Dun Edgar Attard fost il-briju tal-Qriema Gorgjani li akkumpanjaw il-banda.

**1987:** Sehhet qasma fl-Ghaqda Muzikali Werqista u telqu kemm partitarji kif ukoll xi bandisti, fosthom is-Sur Carmelo Spiteri (Amleto), s-Sur Salvu Debono (Ta' Patata) u s-Sur Gorg Grech (Ic-Ciri) u Carmelo Borg (il-Pux) fost l-attivisti kbar li kellha fi hdanha l-Ghaqda taghna.

**1988:** Il-Hadd 28 ta' Frar saret laqgha ghas-soci ghall-hatra ta' President. Wara tant snin kien hemm kontestazzjoni. Ikkontestaw is-Sinjuri Gorg Bianchi u Ismael Mizzi li baqa' fil-kariga wara votazzjoni b'differenza ta' 12 il-vot minn 253. Fl-istess seduta fuq suggeriment tal-President elett, gew approvati l-membri tal-kumitat li kkontestaw minflok saret l-elezzjoni. Dawn kienu s-Sinjuri Mro.Abel Mizzi, Spiru Aquilina, Paul Aquilina, Francis Frendo, George Schembri, Henry Attard, Tonio Fenech, Tony Galea, Joseph Caruana, Emle Cremona. George Bianchi, Joseph Grech, Alfred Purkiss, Mario Chircop, Gwido Saliba, Patrick Brancaleone u Joe Mamo.

**1988:** F'Hadd il-Palm hargu jdoqqu ghall-ewwel darba l-hames bandisti godda: Lino Casha, Lino Spiteri, Carmelo Curmi, Marcon Zammit u Jacobeth Ebejer.

Imut l-iskultur maghruf Marco Montebello li hadem l-istatwa tal-gebla tal-kazin.

**1988:** nhar it-12 ta' Lulju miet l-iskultur maghruf Qormi Marco Montebello li nibqghu niftakruh bl-opra tieghu tal-istatwa ta' San Gorg fuq iz-ziemel tal-gebla li hadem ghall-kazin taghna. It-twelid tieghu kien sehh fid-9 ta' Jannar 1915.

**1989:** F'din is-sena hames bandisti ccelebraw il-50 u l-25 ammoversarju bhala bandisti tal-post li huma Emanuel Mangion (50), Luciano Apap u Archie Mizzi (25) u Joe Cardona (25). Is-Sur Ruben Mizzi rtira minn bandist wara 25 sena servizz. Izda ta' min isemmi li f'din is-sena wkoll hargu jdoqqu tlieta ohra li huma Keith Zarb, Nicholas Mamo u Louis Farrugia.

**1989:** F'din is-sena l-grupp ta' nisa li tul is-snin ta' qabel hadmu ghall-gid tal-kazin organizzaw ruhhom bhala ghaqda taht l-isem ta' Attivisti Nisa. L-ewwel nisa Werqisti kienu Sylvia Curmi, Mary Mamo, Carmen Sammut, Vjoletta Pachard, Tessie Duca, Nina Zahra, Rita Agius u Carmena Zammit.

Jinhatar Dr.Patrick Hayman bhala prsident u l-ex president Ismael Mizzi President Emeritus.

**1990:** 18 ta' Marzu, saret Seduta Generali li fiha nhatar Dr John Patrick Hayman bhala President. Wara li rtira s-Sur Ismael Mizzi li nhatar bhala President Emeritus b'akklamazzjoni, ghal ghomru, l-ewwel wiehed tax-xorta tieghu.

**1990:** F'Hadd il-Palm it-8 ta' April bhal kull sena f'dan il-jum il-bandisti godda jinghaqdu mal-banda, kellna tlieta ohra, lil Eugene Apap, Romina Zammit u Michelle Zerafa.

**1990:** Ghall-festa ta' din is-sena nzebah il-plancier. Il-voluntiera flimkien mal-membri tal-kumitat kienu Gino Meli u Felic Micallef. Dun Pawl Genovese irhama il-gnub tal-plancier biex ha dehra li jaqbel mal-armar li jintrema fil-pjazza.

**1991:** Nhar it-30 ta' April, inghaqad mal-Mulej is-Sur Carmelo Spiteri. Minkejja li ma baqax membru tal-Ghaqda taghna, waqt il-funeral tieghu, meta tebut tieghu twaqqaf quddiem il-kazin Werqista, inghata tislima kif kienet tixraqlu, b'turija ta' rispett ghall-hidmietu fil-kazin.

**1991:** Bhal nixxiegha bla heda l-bandisti mal-banda f'din is-sena kienu, Violet Pichard, Joseph Mifsud, Tonio Agius, Darren Mascena, Denis Spiteri u Peter Mallia.

<u>Jigi aggornat l-istatut tal-kazin.</u>

**1992:** Il-Hadd 3 ta' Marzu, b'seduta generali gie approvat l-aggornament tal-Istatut tal-Ghaqda fil-prezenza tal-President l-avukat John P. Hayman u s-segretarju Tonio Fenech. Il-kummissjoni li nhatret kienet tikkonsisti minn Spiru Aquilina, Patrick Brancaleone, Lawrence Montebello, Abel J Mizzi, Luciano Apap u Emanuel Cremona. L-ewwel laqgha saret l-Erbgha 25 ta' Settembru 1991. Wara diversi laqghat u l-ahhar wahda saret xahar wara jigifieri fit-30 ta' Ottubru. L-Avukat Gorg Abela kien inkarigat biex jezaminah.

**1992:** 12 ta' April jigifieri f'Hadd il-Palm, kif hija l-uzanza taghna, daqqew ghall-ewwel darba l-bandisti l-godda Mario Aquilina, Marco Aquilina u Mariella Muscat.

**1992/3:** Ghas-sena centinarja tal-Banda, inhatret Kummissjoni biex tiehu hsieb il-festi Centinarji maghmula minn Mro.Abel Mizzi, Spiru Aquilina, Emanuel Cremona, Tonio Fenech, Gwido Saliba, Luciano Apap u Lawrence Montebello.

<u>Bdew it-thejjijiet tac-Centinarju tal-Banda b'hafna tifkiriet tal-okkazjoni.</u>

**1993:** Bi thejjija ghal dan l-avveniment storiku tac-Centinarju tal-banda saru u zzanznu diversi opri li huma (1) rinnovazzjoni fil-palk teatrali tal-kazin, (2) tlesta l-irham, biz-zokklatura b'kollox fil-parti ta' isfel, (3) restawr tas-Sala l-Hamra, (4) restawr tas-Sala Nikola Montebello, (5) Bust tal-Fundatur Giuseppe Farrugia, (6) monument ta' tifkira ta' Gheluq il-mitt sena fil-pjan terran mill-marmista Ronnie Pisani, (7) kwadru kbir, pittura b'San Gorg fuq iz-ziemel (l-emblema tal-kazin) xoghol il-Kav Pawlu Camilleri Cauchi u

(8) bandalora rrakmata fuq disinn tal-artist Qormi s-Sur Silvio Pace. Nota: ma nistax ma rroddx hajr lill-bosta voluntiera li taw is-sehem shih taghhom niex irnexxew dawn il-hwejjeg fil-festa centinarja. Insemmi lis-Sinjuri Joe mamo, Emanuel Debono, Spiru Aquilina, Felic Micallef, Luciano Apap, Emanuel Cremona, Emanuel Debono, Gino Meli, Twanny Zammit u Alfred Sciberras fost ohrajn.

Tigi ppublikata l-ewwel parti tal-istorja tal-kazin mill-istoriku Joe Grima.

**1993:** Ghal din l-okkazjoni fuq ricerka ta' Dr.Joseph Grima B.A. (Hons) M.A. Dip. Educ (Admin & Mangt) sehhlu jaghmel bicca xoghol siewja u jippublika l-istorja tal-ewwel snin tas-Socjeta' bil-hsieb li jtemm dax-xoghol aktar il quddiem. Din is-sena wkoll l-innu "Gorgi Taghna" versi Dun Pawl Genovese u komplzizzjoni tal-Asst Surmast taghna Archie Mizzi ghalaq 10 snin.

Il-Banda ssiefer lejn il-Kanada u ssir l-ewwel banda li qasmet l-Atlantiku fost diversi attivitajiet ohra b'tifkira tac-centinarju tal-istess banda.

**1993:** Mill-1 sal-15 ta' Marzu il-banda siefret lejn il-Kanada u saret Banda fil-Gzejjer Mlatin li qasmet l-Atlantiku. Dan seta' jsehh b'arrangament mal-Ghaqda "Festa San Gorg Association" li tinsab f'din l-art imbieghda, bhala parti mic-celebrazzjonijiet tac-Centinarju mit-twaqqif tal-banda Werqista.

**1993:** 4 ta' Marzu thabbret il-mewt tal-membru Ninu Casha iz-Zina li kien bennej mill-aqwa. Kien hadem ma' xi membri ohrajn il-pedestall tal-istatwa ta' San Gorg fuq iz-ziemel tal-gebla.

**1993:** Diversi bandisti hargu jdoqqu ghall-ewwel darba dawn huma Massimo Azzopardi, Johnny Mizzi, Nicholas Mamo li qabel kien bit-tambur issa bl-ewfonju, Dorianne Sammut, Justine Zerafa u tnejn ohra li kienu jdoqqu qabel u thajru jergghu jibdew huma Alfred Micallef (mill-antiki) u Mary Grace Agius xebba Debono.

**1993:** L-Erbgha 16 ta' Gunju saret Akkademja Muziko-Letterarja fil-knisja Arcipretali ta' San Gorg. Bis-sehem tal-Banda taht id-direzzjoni ta' Mro Abel J Mizzi bil-partecipazzjoni tat-tenuri Lino Gatt u R. Scalpello flimkien mal-kor ta' Santa Katarina mmexxi mis-Sur Joe Caruana. Inqraw xoghlijiet ta' Rev. Dun Pawl Genovese, Rev. Joachim Schembri u s-sinjuri Anthony Mercieca, Joe F Grima u Gorg Mifsud Chircop.

**1993:** 19 ta' Gunju sar programm iehor vokali u strumentali mill-banda taht id-direzzjoni tas-Surmast Abel J Mizzi u l-Asst. surmast Archie Mizzi. Hadu sehem it-tenur Brian Cefai, il-baritonu Joe Fenech u l-mezzo soprano Marie Therese Vassallo. Il-kor ta' Santa katarina tmexxa minn Joe Caruana.

**1993:** Is-Sibt 26 ta' Gunju taht id-direzzjoni ta' Mro. Abel J Mizzi u ibnu l-Asst surmast Archie Mizzi il-banda kellha t-tielet programm f'qasir zmien. Ippartecipaw it-tenur Brian

Cefai il-mezzo soprano Marie Therese Vassallo u l-baritonu Joe Fenech flimkien mal-kor ta' Santa Katarina f'idejn Mro.Joe Caruana.

**1993:** F'Ottubru sar ftehim bejn l-ghaqdiet kollha tal-festa tal-parrocca taht il-patrocinju tal-Arcipriet Dun Karm Aquilina li heggeg biex il-festa tinzamm fi spirtu ta' mhabba u hbiberija.

Jitwaqqfu l-Kummissjoni Zghazagh Werqisti u l-Kummissjoni Banda.

**1993:** Din is-sena rat ukoll liz-Zghazagh Werqisti li tant hadmu fis-snin ta' qabel jiffurmaw ruhhom bhala kummissjoni.

**1993:** 31 ta' Ottubru, f'Seduta Generali li saret wara talba mill-President in-Nutar John Hayman, biex jirtira mill-kariga minhabba ragunjiet ta' sahha.Bhala President intghazel is-Sur Victor Formosa li rritorna mill-Kanada.

**1993:** Lejn tmiem is-sena, twaqqfet il-Kummissjoni Sports. Gimgha wara nhatar kumitat gdid li fih dehret ghall-ewwel darba membru feminili, Miss Mariella Muscat wara li nhatret minn shabha bandisti bhala delegata tal-Banda. Fl-istess zmien inhatret il-Kummissjoni Banda .

Miet Nikola Mamo eks bandist u membru attiv.

**1994:** 20 ta' Jannar miet Nikola Mamo bandist anzjan li biex jaqdi l-banda tghallem jdoqq diversi strumenti. Ukoll wara li gralu incident stradali li kien ghoddu temmlu hajtu baqa' jigri mal-banda fis-servizzi li kien ikollha fl-irhula. Hadem shih fil-kumitat u f'zghazitu kien attiv sew fl-armar ma' tal-festi Esterni. Jumejn wara, f'jum id-difna, l-banda ta' qalbu sellmitlu tal-ahhar. Wasslitlu sac-cimiterju ta' Belt Twelidu.

**1994:** 24 ta' April fil-programm fuq TVM "Hadd mal-Maltin" wara l-marc li sar mill-banda, is-Sur Gwido Saliba bhala d-Direttur Generali tal-kazinipprezenta standard abjad b'salib ahmar lill-Ghaqda Muzikali taghna. L-ispejjez thallsu mill-flus li kien baqa' mill-gbir li sar ghall-pittura l-kbira ta' San Gorg fuq iz-ziemel li tpittret mill-Kav.Pawlu Camilleri Cauchi.

**1995:** F'Hadd il-Palm 9 ta' April hargu jdoqqu l-bandisti godda li kienu Chris Spiteri, Jason Vella, Peter Cini, Jonathan Spiteri, Cecilia Mercieca u Ritienne Psaila.

Jinhatar l-avv.Rob.Vella Baldacchino bhala president.

**1995:** 29 ta' Mejju Dr.Robert Vella Baldacchino, f'seduta Generali hatruh bhala l-President il-gdid tas-Socjeta' wara lis-Sur Victor Formosa htieglu jemigra lejn il-Kanada.

**1995:** 18 ta' Gunju fil-11.15 ta' filghodu sar il-kxif tal-frontispizju l-gdid mahdum mis-Sur Lawrence Attard. Din l-opra hadet post il-qadim, xoghol tal-maghruf Marco Montebello li kellu jinbidel minhabba li gratlu l-hsara bl-elementi naturali. Il-benefattur ewlieni tieghu kien is-Sur Gorg Scicluna maghruf bhala l-Asja. Ghal din l-okkazjoni zzanznet il-Bandiera l-gdida il nhadmet mis-Sur Victor Gellel fuq disinn tal-artist Qormi Silvio Pace. Ingabret principalment mis-Soci fuq inizzjattiva tad-direttur generali is-Sur Gwido Saliba.

**1995:** F'Settembru twaqqfet l-Ghaqda Teatrali "Anici Juniors" bl-ewwel membri taghha jkunu, Brian Bonnici, Silvio u Doris Fleri Soler, Lawrence Montebello, Silio Agius, Mariella Muscat, Mario Chircop, Raymond Zerafa, Joseph Aquilina u Ms.Charmaine Grech.

Idoqq l-ewwel darba l-Brass Band.

**1995:** 7 t'Ottubru f'dan il-jum daqqet ghall-ewwel darba l-Brass Band, bl-isem ta' St.Goerge's Festival Brass Band li welidha u dderegiha l-Asst. surmast Mario Testa. Minnha giet iffurmata wkoll il-Brass kwintett, li l-ewwel dehra taghha kienet fl-10 ta' Mejju 1996. Dan il-programm sar fis-sala Guze' Galea fl-iskola tal-Gvern f'Hal Qormi.

**1996:** fl-4 ta' Jannar thabbret il-menwt ta' iben Rafel Gatt, is-Sur Gorg Gatt il-"Phantom" li gibed bosta nies lejn il-kazin bil-loghob magiku tieghu meta ha sehem fi programmi varjati mal-Kumpanija Teatrali Anici.

Il-Kanonku Dun Gorg Bonello jilhaq president.

**1996:** 31 ta' Marzu f'Seduta Generali il-Kan.Dun Gorg Bonello kiseb il-kariga tal-President.

**1996:** F'Hadd il-Palm waqt il-programm tal-marci funebri il-president il-gdid tas-Socjeta' il-Kan.Dun Gorg Bonello bierek l-istandard moghti lilna mis-Sur Gorg Scicluna membru onorarju li jghix fl-Amerika.

**1996:** 22 ta' Frar, is-Socjeta' nhasdet bil-mewt tal-bandist u attivist habrieki, Joseph Curmi u kif kien xieraq il-banda wasslitu sac-cimiterju b'daqq ta' marci funebri.

Jizzanznu bl-innu marc iz-Zghazagh Werqisti, il-kannezzata u l-uniformi tal-bandisti.

**1996:** Izzanzan l-Innu Marc taz-zghazagh, kompozizzjoni tal-Asst. Surmast Mario Testa bil-kliem ghalih isir mis-Sur Gorg Bianchi.

**1996:** Ghall-festa ta' din is-sena, il-Kummissjoni Zghazagh Werqisti zanznet il-kannezzata. Fuqha sar xoghol mis-Sur Amadeo Galea, pawlu Zammit u Pawlu Salnitro. Mghejuna teknikament mis-Sur Rene' Salnitro.

**1996:** Din is-sena, zanzanna l-uniformi tal-bandisti li tikkonsisti f'sidrija lewn maroon bl-ingravata li taqbel maghha, bl-emblema tal-kazin 'San Gorg fuq iz-ziemel' stampat fuq iz-zewg oggetti.

**1996:** 31 ta' Marzu (Hadd il-Palm) il-bandisti godda ghal din is-sena li ghamlu d-debutt taghhom mal-banda kienu Clint Higgins, Gorg Spiteri, Anton Borg, Jonathan Agius u Simon Bezzina. Maghhom inghaqad mill-gdid il-bandist Gorg Bianchi wara nuqqas ta' xi snin li mhux biss huwa bandist iddedikat imma jista' jkun ta' siwi kbir ghall-kazin f'oqsma ohra.

**1996:** 22 ta' Settembru saret quddiesa fil-bitha tal-kazin b'radd il-hajr l'Alla tal-gublew tad-deheb ta' Dun Gorg Bonello, il-President taghna bhala sacerdot. Inqrat peozija miktuba ghall-okkazjoni minn Gorg Bianchi. Wara sar reciveiment ghall-mistednin.

**1996:** 17 ta' Ottubru fl-okkazjoni tal-ftuh tad-'Day Centre' qrib il-polyclinic f'Hal Qormi il-banda hadet sehem maz-zewg baned l-ohra b'marc qasir, it-tlieta f'rotot differenti u ltaqghu hdejn ic-Centru. Kif iltaqghu, daqqew it-tlieta flimkien.Fuq ftehim milhuq minn qabel taw id-dritta li Mro Abel Mizzi biex jidderiegi hu ,bhala l-aktar surmast anzjan.

**1996:** 19 ta' Novembru Jum ta' luttu ghas-Socjeta' taghna. Jum il-funeral tas-Sur Pawlu Aquilina. Bandist u membru fil-kumitat ghall-bosta snin. Il-banda sellmitlu tal-ahhar sac-Cimiterju ta' Hal Qormi.

**1996:** is-Sibt 26 ta' Novembru serata ghas-soci mill-aktar imhawra li saret fis-Sala Guze Galea. Bil-partecipazzjoni tal-kantanti Toni Camilleri u Gorgette Micallef, xebba Apap u s-Soprano Rosabelle Bianchi u x-xoghol letterarju minn Gorg Bianchi u Rev. Kan. Gwakkin Schembri. Il-kumpanija Teatrali Anici Juniors wkoll tat sehemha. Il-Banda tmexxiet mis-surmast Abel Mizzi.

**1997:** 6 ta' Jannar thabbret il-mewt tal-membru u mastrudaxxa prim Angelo Casha li kellu l-inkarigu li jnaqqax l-arblu tal-kazin qabel ittella' f'postu.

**1997:** fil-programm ta' Hadd il-Palm kellna l-bandisti godda Jo Therese Deguara, Daniela Farrugia, Max Grech u George Spiteri.

B'tifkira tal-50 sena ta' San Gorg tal-gebla isir kuncert vokali u Strumentali bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali, bil-partecipazzjoni tas-Soprano Rosabelle Bianchi.

**1997:** Nhar it-28 ta' Ottubru b'tifkira tal-hamsin sena mid-dhul fil-kazin tal-istatwa ta' San Gorg tal-gebla, l-banda taht id-direzzjoni ta' Mro Abel J Mizzi, ghamlet kuncert vokali u

strumentali, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokalu, fis-Sala Sir Temi Zammit, fl-Universtita' bil-partecipazzjoni tas-Soprano Qormija Miss Rosabelle Bianchi u l-kor Exultate Domino tal-parrocca ta' San Gorg. Mexa s-serate s-Sur Charles Abela Mizzi.

Delegazzjoni mill-banda marret Raguza bil-ghan li jitwaqqaf gemellagg.

**1997:** 22 ta' Novembru delegazzjoni mill-kumitat Werqista li kienet komposta minn Dun Gorg Bonello (il-president), Gorg Bianchi, Luciano Apap u Joe Mamo flimkien ma' ghadd ta' partitarji, marret Ragusa fi Sqallija bil-ghan li jsir gemellag mal-Banda ta' dan il-post Sqalli. Sfortunatament il-president wegga' gravi hemmhekk f'incident stradali u kellu jinzamm fl-isptar ta' Ragusa, sakemm intbaghat lura Malta, madwar gimgha wara.

**1998:** 8 ta' Marzu minhabba li sahhet il-president Dun Gorg Bonello xejn ma kienet tajba, f'Seduta Generali inhatar is-Sur Mario Demicoli biex jiehu t-tmun f'idejh bhala President. Fl-istess seduta b'turija ta' rispett , b'maggoranza sabiha, sar qbil li Dun Gorg jinhatar bhala ko-President. Gara li ftit xhur biss wara nholoq xi disgwid bejn il-president is-Sur Mario Demicoli u l-kumitat. Bi qbil bejn iz-zewg partijiet il-President irtira mill-kariga. Fl-istess seduta s-Sur Gwido Saliba nhatar bhala Direttur Emeritus.

**1998:** Din is-sena giet introdotta l-I.D. Card tas-soci biex ikollna t-taghrif mehtieg tal-imsiehba taghna.

**1998:** 24 ta' Mejju sar il-funeral tal-bandist anzjan b'servizz ta' aktar minn 50 sena is-Sur Leli Mangion li serva bhala katubier wara xi snin idoqq il-Comu u wara l-Althorn.

**1998:** Fl-14 ta' Novembru halla din id-dinja s-Sur Alfred Apap, membru anzjan li kien jiehu hsieb inaqqi u jirranga biex isebbah il-gnien tal-kazin.

Mons. Anetto Depasquale mistieden fil-kazin wara l-hatra ta' Isqof Awziljarju.

**1999:** is-Sibt 30 ta' Jannar il-kumitat stieden lill-Qormi Mons.Anetto Depasquale biex jifrahlu ghall-hatra tieghu bhala Isqof Awziljarju ta' Malta. Fis-17 tal-istess xahar il-banda akkumpanjat lill-Isqof Awziljarju ta' Malta. Fis-17 tal-istess xahar il-banda akkumpanjat lill-Isqof Awziljarju sal-Knisja Arcipretali.

**1999:** Fis-7 ta' Frar f'Seduta Straordinarja ntghazel bhala president tal-Ghaqda s-Sur Joe Caruana.

**1999:** Inhasset il-htiega li jigi rrestawrat il-pedestall ta' San Gorg fuq iz-ziemel. L-ispejjez tieghu thallsu mill-benefatturi Ninu Borg "Ic-cic" u Carmel Bugeja "il-Qems".

**1999:** il-bandisti godda li zdiedu mal-banda Werqista kienu Charlene Maria Agius, Maria Victoria Grech, Charyl Ciappara u Silvester Pace u Tizziana Facciol.

Thabbret il-mewt tal-Kanonku Bonello eks president tas-Socjeta' u l-eks arkivista Emanuel Cremona.

**1999:** 15 ta' Gunju thabbret il-mewt tal-eks president il-Kan Dun Gorg Bonello u kif jixraq il-banda San Gorg Martri daqqitlu l-marci funebri fil-funeral tieghu. Tul diversi snin okkupa karigi differenti ghall-gid tas-Socjeta' taghna.

**1999:** 24 ta' Ottubru halliena s-Sur Emanuel Cremona u s-socjeta' taghna tilfet membru mill-aktar attivi. Ferah shih meta ftit gimghat qabel sehhlu jaghlaq il-50 sena jahdem ghall-banda Werqista. Beda bhala bandist u ssokta fil-kumitat fejn okkupa diversi karigi gholjin. Kien bniedem metikoluz u ezemplari f'hidmietu.

**1999:** 25 ta' Ottubru sar il-funeral tal-membru attiv is-Sur Emanuel Cremona. Il-banda daqqitlu kif kien jixraq mill-Knisja Arcipretali sac-Cimiterju tar-rahal.

Sar it-tielet Song Festival "Gmiel il-Melodija".

**2000:** 24 ta' Marzu l-Ghaqda Muzikali San Gorg martri organizzat b'success it-tielet song festival bl-isem "Gmiel il-Melodija" fis-Sala Guze' Galea fl-iskola tal-Gvern f'Hal Qormi. Hadu sehem 28 kantant ta' kull kategorija.

**2000:** Il-bandisti li hargu jdoqqu Hadd il-Palm  kienu Matthew Azzopardi, Andre' Jules Deguara u Ian Portelli.

**2000:** 28 ta' Ottubru sar kuncert Vokali u Strumentali mill-aqwa, fis-Sala Sir Temi Zammit bil-partecipazzjoni tas-Sopran Rosabelle Bianchi u l-baritonu Pawlu Zammit, it-tnejn Qriema. F'din is-serata ha sehem ghall-ewwel darba fid-direzzjoni tal-banda l-Asst. surmast Mario Testa bis-silta "Concert for Bb Trumpet" ta' Haydn. Bhala solisti kellna lil Pawlu Grech fuq il-kurunetta. Ghas-silta "Tosca" fuq l-althorn daqq Peter Cini. Is-Sur Emanuel Debono ghamel bicca xoghol sabiha bit-tizjin tal-palk.

**2000:** 13 ta' Dicembru is-Socjeta' taghna ferhet meta wiehed mis-soci attivi taghna is-Sur Speditu Xerri "Il-Qiz" kiseb il-nidalja tal-Qadi tar-Repubblika mill-president ta' Malta Dr. Gwido Demarco. Unur ghalih u ghall-Ghaqda taghna.

**2001:** 25 ta' Frar f'Hadd il-karnival il-banda daqqet fil-ftuh ufficjali "Tisbih il-Pjazza San Frangisk" progett tal-Kunsill Lokali. Il-mistieden ewlieni kien il-Prim Ministru Eddie Fenech Adami li wara akkumpanjat mis-Sindku s-Sur Clyde Puli zaru l-kazin, fejn saret bibita. Il-pjazza tbierket mill-Arcipriet tal-parrocca Dun Frans Abdilla.

**2001:** Fit-3 ta' Marzu l-banda giet mistiedna ddoqq fil-ftuh ufficjali tal-binja l-gdida fl-isptar tal-anzjani San Vincenze de Paule.

**2001:** il-bandisti ghal din is-sena li hargu jdoqqu mal-banda f'Hadd il-Palm kienu Ian Portelli, Karl Cardona u Marilyn Grech. Wara nuqqas ta' xi snin irritorna Gorg Bezzina.

**2001:** 3 ta'Mejju tlifna lis-Sinjura Carmen Sammut membru habrieka fl-Ghaqda Attivisti Nisa, meta thabbret il-mewt taghha.

**2001:** Ghal din is-sena tlestew zewg vetrini fil-kazin, li ssokta jiehu hsieb il-gbir taghhom minghand is-soci s-Sur Joe Mamo meta sar id-Direttur Generali wara li rtira s-Sur Gwido Saliba. Inhadmu mis-Sur Gorg Debono u ibnu Silvio maghrufin "Ta Patata". Aktar il quddiem is-sinjuri Debono hadmu diversi xoghlijiet ohra ghal kazin, dejjem mingahjr hlas.

**2001:** 1 ta' Lulju festa tal-Qalb ta' Gesu, l-membri tal-kumitat flimkien mal-bandisti tal-post hadu ritratt ta' tifkira mal-qanpiena "Gorga" fuq iz-zuntier fejn kienet ghall-wiri qabel ittellghet fil-kampnar hdejn shabha.

**2001:** Fit-2 ta' Lulju thabbret il-mewt tal-membru anzjan u benefattur kbir tas-Socjeta' is-Sur Emanuel Meli.

**2001:** Fis-26 ta' Dicembru l-banda taghna kienet l-ewwel banda li dahlet tferrah lit-tfal morda fl-isptar San Luqa fejn tqassmulhom ukoll xi rigali fil-prezenza ta' Father Christmas.

**2002:** 13 ta' Jannar fis-Seduta Generali li saret ghas-soci inhatar bhala president is-Sur Lawrence Montebello. Beda x-xoghol ghat-tkabbir tal-kazin , li l-imsehbin kienu ilhom jistennew.

**2002:** 5 ta' Frar waqt zjara f'Hal Qormi ta' l-eccellenza teighu l-president ta' Malta Dr. Gwido Demarco ghamel waqfa fil-kazin taghna, fejn kellu laqgha sabiha. Iddawwar mal-kazin u qaghad jammira l-hwejjeg prezzjuzi li jinsabu fil-kazin.

<u>Beda t-tahmil tal-Bitha tal-kazin.</u>

**2002:** Nhar is-26 ta' Awissu beda t-thammil tal-bitha li rajna l-bidu ghal tibdil strutturali kbir fil-kazin, billi ssaqqfet il-bitha u nbnew zewg swali kbar u basement.

**2002:** F'Hadd il-palm kellhom l-ewwel harga taghhom il-bandisti Erika Azzopardi, Eman Agius, Giorgio Grech, Luke Micallef, Jurgen u Mark Spiteri.

**2002:** 27 ta' Marzu sar il-funeral tas-Sur Salvu Debono "Ta' Patata" eks membru fil-kumitat, u partitarju akkanit li bis-sahha tieghu saru diversi progetti fil-kazin li ghadhom jitgawdew sal-lum.

Il-Kummissjoni Banda twebblet biex issir uniformi gdida tal-bandisti inkluz glekk, bi thejjija ghall-fest centinarji ta' San Gorg martri. Il-kumitat attwali, minkejja li mifni bl-ispejjez approva l-proposta u bit-thabrik tal-kaxxier is-Sur Freddy Micallef flimkiem mal-Asst. kaxxier is-Sur Gorg Chircop sehhilhom isibu xi sponsors li taffewlna l-ispejjez. U x-xoghol fihom qabad ritmu mghaggel. Is-Sur Gorg Scicluna "Ta' Emante" bghatilna l-badges godda ghall-brieret mill-Kanada. Saru zewg uniformijiet wahda tas-Sajf bil-qmis nofs komma b'San Gorg stampat fuq il-but, l-ispalletti li jizzerzqu ghall-gol-flaps mahdumin appostaa u l-ingravata hamra. F'dik tax-Xitwa zdied il-glekk lewn ahmar.

Xi membri tas-Socjeta' jinghataw rikonoxximent mill-Kunsill Lokali.

**2002:** 26 ta' Mejju l-Ghaqda Muzikali San Gorg Martri ferhet meta xi membri attivi flimkien ma' ohrajn hbieb taghha fil-Pjazza tal-Granmastru nghataw gieh ghall-hidmiethom lejn il-gid kulturali ta' belt twelidna mill-Kunsill Lokali. Il-gieh "Gharfien il-hila" ngahta lil Mro Abel J Mizzi, is-surmast direttur, lis-Sur Gorg Bianchi, vici president ghall-qasam letterarju, lil habibna Anthony Mercieca li ghal diversi snin ghen fil-pubblikazzjoni tar-rivista annwali tal-kazin kuf ukoll bhala membru fil-gurija ghall-premju **Irrid Nikber fit-Tjubija** ta' l-istess Kunsill. Izda l-akbar premju **Gieh Hal Qormi** ngahta lill mahbub sacerdot il-Kan. Dun Gwakkin Schembri, B.A. Lic.D.L.S.S., qassis umli u mzejjen b'gherf kbir li dejjm ta l-kontribut tieghu letterarju ghal pubblikazzjoni taghna "L-Ghaqda Muzikali San Gorg Martri Ssellem". F'din il-lejla thabbar ukoll lis-Sur Gorg Bianchi rebah il-konkors li tnieda mill-Kunsill Lokali ghall-ahjar versi tal-Innu ta' Hal Qormi. Nifirhulhom ilkoll u nixtiqulhom aktar successi.

Mro Mario Testa jinhatar Surmast Direttur.

**2002:** Nhar it-3 ta' Settembru jinhatar Mro. Mario Testa Dip.Mus. E.I.H.E. (H.C.) bhala Surmast Direttur wara li giet fi tmiemha t-tmexxija tal-kav. Mro. Abel Mizzi A.Mus. L.C.M. wara snin twal ta' hidma kbira.

**2002:** Il-Hadd 13 ta' Ottubru, b'Seduta Generali giet approvata r-revizjoni tal-Istatut tal-Ghaqda. Il-Kummissjoni li nhatret biex tiehu hsieb it-tibdil kienet tikkonsisti minn Lawrence Montebello bhala Chairman, Patrick Brancaleone segretarju, rapprezentanti mill-kumitat kienu Carmelo Zammit, Mario Chircop u Joe Mamo, f'isem is-soci inhatru Ismael Mizzi, Walter Pawley u Gwido Saliba. L-ewwel laqgha taghhom saret nhar is-7 ta' Mejju 2002 u l-ahhar wahda 3 ta' Settembru tal-istess sena. L-Istatut rivedut ghadda wkoll minn idejn l-Avukat Gorg Abela bhala osservatur legali. F'dan il-jum ukoll thabbret il-mewt tal-imsieheb u benefattur taghna is-Sur Frenc Abela.

**2002:** it-2 ta' novembru l-ewwel dehra ta' Mro Mario Testa bhala Surmast tal-banda taghna kienet fi programm tal-Brass Band li sar fis-sala Guze Galea tal-iskola tal-gvern.

**2002:** 19 ta' Dicembru l-ewwel programm ta' Jum il-Genituri tal-allievi fis-sala tal-kazin.

Approvati l-versi l-godda tal-innu tal-banda.

**2003:**Il-Hamis 9 ta' Jannar, f'Seduta tal-Kumitat Nru 32, gew approvati l-versi l-godda tal-innu tal-banda miktuba mill-vici president tas-Socjeta' is-Sur Gorg Bianchi, liema versi saru fuq xewqa tal-istess kumitat.

**2003:** 16 ta' April, l-Erbgha tat-Tniebri l-bandisti godda kienu Karston Azzopardi, Tyrone Agius, Matthew Azzopardi, Edward Mizzi, Lucienne Formosa, Georg Zammit u Natalino Formosa.

**2003:** F'gheluq l-10 snin mit-twaqqif taghha, il-Kummissjoni Zghazagh Werqisti nediet il-Website taghha. L-address taghha huwa www.kzwqriema.com.

**2003:** Is-Sibt 28 ta' Gunju, l-ewwel dehra ta' Mro Mario testa bhala surmast direttur fil-programm tradizzjonali ta' lejliet il-festa li kien taht il-patrocinju tal-Agent President ta' Malta, it-tabib Gorg Hyzler. Novita' f'dan il-programm ghax kellna l-partecipazzjoni tal-Ghaqda tan-Nar 23 ta' April.

F'dan il-programm il-banda Werqista tkun l-ewwel banda li ddoqq l-innu ta' Hal Qormi ma' diversi xoghlijiet ohra.

**2003:** Is-Sibt 28 ta' Gunju f'dan il-programm tradizzjonali indaqq ghall-ewwel darba minn banda Qormija, l-Innu tal-Belt Pinto, versi tal-Kav.Gorg Bianchi, u muzika ta' Mro Sebestian Camilleri. Izzanznu wkoll il-versi godda tal-innu tal-banda miktubin ukoll mill-Kav Gorg Bianchi u tkantaw mill-kor Ghawdxi "Chorus Urbanus" li kien taht id-direzzjoni ta' Mro. John Galea. Il-banda dejjem taht id-direzzjoni ta' Mro. Mario Testa.

**2003:** 28 ta' Gunju f'din is-serata wkoll indaqqet l-Overture 1812: jista jitqies bhala avveniment gdid ghall-parrocca taghna ghax matulha gew sparati l-murtali minn fuq il-bjut ta' Misrah San Frangisk, xoghol l-Ghaqda tan-Nar 23 ta' April. Indaqq u tkanta ghall-ewwel darba, l-innu l-gdid ta' San Gorg Martri "L-Ghaxqa Taghna" (b'tifkira tac-centinarju) kompozizzjoni tas-Surmast Direttur Mro Mario Testa fuq versi ta' Gorg Bianchi.

**2003:** Fil-15 ta' Settembru fil-kazin intemm il-kostruzzjoni tal-bini ghajr xi cekcik zghir.

Tizzanzan il-cantata "Gawhra Prezzjuza".

**2003:** Is-Sibt 4 ta' Ottubru sar kuncert Vokali u Strumentali taht id-direzzjoni ta' Mro. Testa, b'kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali bil-partecipazzjoni tas-soprano Rosabelle Bianchi, t-tenur Francis mangion u l-kor Mirabitur fl-Istitut Kattoliku l-Furjana. Fejn fl-istess serata, taht il-patrocinju tas-Sindku is-Sur Roderick Galdes izzanznet il-kantata bl-isem ta' 'Gawhra Prezzjuza' versi ta' Gorg Bianchi u muzika ta' Mro. Ray Sciberras.

**2003:** 4 ta' Novembru il-banda taht id-direzzjoni ta' Mro Mario Testa hadet sehem f'akkademja Musico-Letterarja bhala parti mill-gheluq tal-Festi Centinarji li saru fil-knisja arcipretali taht il-patrocinju tal-Arcipriet Dun Frans Abdilla. Hadu sehem is-soprano Rosabelle Bianchi, it-tenur Francis Mangion u l-baxx Albert Buttigieg bis-sehem tal-kor tal-parrocca taht id-direzzjoni ta' Ms Angelica Xuereb, Miss Rosabelle Bianchi qrat ukoll il-poezija "Gorgi Minqux f'Qalbna" miktuba minn missierha stess Gorg Bianchi. F'din l-akkademja l-ghalliema Jo Therese Deguara dderigiet l-innijiet tal-ftuh u b'hekk saret l-ewwel tfajla li mexxiet ufficjalment lill-Banda taghna. F'din il-lejla zzanznet l-uniformi l-gdida, bil-glekk ahmar, il-badge u l-ingravata.

**2003:** 19 ta' Dicembru fis-Sala tal-kazin , ittelghet serat "Jum il-Genituri" mill-kummissjoni Banda u l-banda tmexxiet mill-Asst. surmast Joseph Belli u l-ghalliema Jo Therese Deguara u l-kelliemi ewlieni mistieden kien il-Profs. Charles Zammit F.L.C.M. Wara saret bibita lill-mistednin.

**2004:** Fil-11 ta' Jannar miet is-Sur Gammari Sciberras, membru li dejjem sibnih ta' ghajnuna bhala revizur.

<u>Il-Banda mistiedna ddoqq fil-ftuh tal-gnien imsemmi ghall-avukat Gorg zammit f'Hal Qormi.</u>

**2004:** 28 ta' Marzu fl-inaqgurazzjoni tal-gnien fl-inhawi tal-Handaq li ssemma ghall-eks President taghna l-Avukat Gorg Zammit, il-banda marret taghti sehemha b'daqq ta' marci brijuzi, waqt il-kxif tal-bust tieghu.

**2004:** Fl-okkazjoni tal-kxif u t-tberik tal-istatwa ta' San Gorg Martri li tqieghdet l-inhawi ta' Farzina fuq inizjattiva tz-Zghazagh Festi Esterni, b'tifkira tal-festi tac-centinarji . L-Banda esegwit marc fit-toroq tal parrocca. L-istatwa nhadmet mill-ahwa tewmin Chris u Antoine Mifsud.

**2004:** Il-bandisti l-godda li nghaqdu mal-banda kienu Gorgina Gauchi, Lucienne Formosa, Rita Grech, Josefa Camilleri, Edward Attard u Peter Paul Grech.

**2004:** l-1 ta' Settembru mill-Awstralja hadna l-bxara kerha li miet l-eks bandist u partitarju taghna, is-Sur Gorg Grech maghruf bhala 'Zerrek'.

**2004:** 8 ta' Settembru thabbret il-mewt ghall-gharrieda tal-bandist Tarcisju Schembri.

**2004:** 11 ta' Settembru l-banda marret ghall-funeral tieghu fil-Marsa u daqqiltu minn wara biebu sal-knisja ta' Marija Regina.

**2004:** 17 ta' Dicembru saret serata muzikali fis-Sala tal-kazin mill-kummissjoni Banda fl-okkazjoni ta' jum il-Genituri tal-allievi. Il-banda kienet taht id-direzzjoni tal-Asst. surmast Joseph Belli u l-ghalliema Jo Therese Deguara. Bhala mistieden specjali din is-sena kellna lil Mro.Ray Sciberras F.L.C.M. kelliema ohra kienu s-surmast direttur Mario Testa

li rregala lill-Ghaqda taghna ghadd ta' bicciet muzikali ghall-arkivju tal-kazin u l-President attwali s-Sur Lawrence Montebello. F'din il-lejla ippartecipa t-tfajjel kantant bravu Matthias Brancaleone bil-kanzunetta "Caro Gesu Bambino". Wara saret bibita ghal dawk prezenti.

**2005:** 25 ta' Frar inghaqad mal-mulej is-Sur Gorg Grech 'Ic-Ciri' partitarju kbir u eks membru taghna. Fi zmienu hadem bosta ghall-gid tal-kazin u fil-lejl tal-Ghid il-kbir kien ihobb johrog bil-katuba madwar it-toroq Qormin. Jigi missier il-bandist tas-Socjeta' taghna Gorg li kien idoqq il-kurunetta.

**2005:** 23 ta' April il-banda taghna ghamlet is-solitu marc taghna f'dan il-jum ghaziz. Kienet l-unika banda fil-parrocca li harget tferrah fit-toroq lill-Qriema.

**2005:** 24 ta' April, l-banda daqqet fl-okkazjoni tal-pussess tal-Arcipriet il-gdid, il-Kanonku Dun Anton Cassar.

**2005:** 18 ta' Marzu f'Jum id-Duluri, l-Kummissjoni Zghazagh Werqisti fi hdan l-Ghaqda taghna harget l-ewwel pubblikazzjoni taghha "Qlub Gorgjani".

**2005:** F'Hadd il-Palm hargu jdoqqu Victor Deguara, Jurgen Schembri u Christian Scerri.

**2005:** Il-Gimgha 6 ta' Mejju fl-oratorju Festiv Sagra Familja, l-banda Werqista taht id-direzzjoni ta' Mro Mario Testa daqqet programm Sinfoniku biex tfakkar il-mewt taz-zewg eks surmastrijiet li kellha l-banda taghna, Mro Nikola Montebello li miet 75 sena ilu, ezattament bhal lum, kif ukoll ta' Mro ganni Vella li halla dan il-wied tad-dmugh fi frar ta' 50 sena ilu. Bhala solista fuq il-klarinett daqqet Mro Jo Therese Deguara ghalliema u bandista tal-post. Fl-istess programm is-Sur Gorg Bianchi qara poezija ghall-okkazjoni miktuba minnu stess. Bhala comperes kienu is-Sur Neville Mangion u Miss Roanne Sciberras. Il-programm taht il-patrocinju tal-Arcipriet il-kanonku Dun Anton Cassar. Wara sar riceviment ghall-mistednin fis-sala tal-kazin.

**2005:** 6 ta' mejju waqt l-istess serata, s-segretarju s-Sur Joseph Cauchi f'isem il-banda "La Vittoria" tal-Mellieha, fejn kien surmast ukoll Mro Nikola Montebello, ipprezenta lill-Ghaqda ghall-arkivju taghna kopji ta' diversi siltiet muzikali li kkompona dan il-bravu kompozitur Qormi Nikola Montebello. F'din l-istess serata ulied il-mibki Ganni Vela rregalaw lill-Ghaqda it-trumbun, l-istrument li kien idoqq bih missierhom biex jinzamm fl-arkivju taghna bhala tifkira gest sabih hafna lil-kumitat taghna apprezza.

**2005:** 25 ta' Mejju Jum Hal Qormi il-banda taghna taht id-direzzjoni tas-Surmast Mario Testa hadet sehem flimkien maz-zewg baned l-ohra Qormin fuq stedina tal-Kunsill Lokali. Il-programm bandistiku sar fil-pjazza tat-tribuna ta' Pinto li ghalih kien mistieden il-President ta' Malta Dr.Eddie Fenech Adami. Indaqqet is-silta 17 ta' Mejju 1982 kompozizzjoni sabiha ta' Mro Mario Testa. Tajjeb nghid li f'din l-okkazjoni, kull banda tmexxiet mis-surmast taghha.

Ghall-festa ta' din is-sena zzanznu.

**2005:** 25 ta' Gunju lejliet il-festa, il-programm tradizzjonali tal-banda taht id-direzzjoni ta' Mro Mario Testa. Hadu sehem il-kor Mirabitur immexxi minn Miss Simone Attard, il-kantanti popolari William Mangion u Ms Gloriana Arpa flimkien mat-Tenur Francis Mangion u l-Baxx Albert Buttigieg. Dan il-programm li kien taht il-patrocinju is-Sur Clive McNally manager tal-kumpanija B.M.C. UK Ltd tmexxiet mis-Sur Gorg Saliba. Hadet sehem l-ghaqda tan-nar 23 ta' April billi waqt xi siltiet muzikali fosthom "Aida" f'sinkronizzat man-nar.

**2005:** Il-hadd 17 ta' Lulju bhal kull sena f'dawn l-ahhar snin, fuq stedina tal-kazin Banda La Stella ta' Ghawdex, il-banda taghna taht id-direzzjoni ta' Mro. Mario Testa telghet iddoqq fil-marc ta' filghodu, fil-festa tal-patrun San Gorg Martri. Ghadd kbir ta' partitarji Werqisti akkumpanjawna bil-briju allegruz taghhom.

**2005:** il-Gimgha 7 ta' Ottubru, l-banda taghna taht id-direzzjoni ta' Mro Mario Testa fakkret Jum is-Socjeta' bi programm imzewweg quddiem sala mimlija bil-Werqisti. Hadu sehem fit-tmexxija tal-banda l-assistent Joseph Belli u l-ghalliema Jo Therese Deguara. B'talba generali ndaqqet is-silta muzikali "17 ta' Mejju, 1982" kompozizzjoni tas-surmast direttur, fuq kitba tal-bandist Gorg Bianchi u li nqrat mis-Sur Mario Camilleri. Din il-lejla tmexxiet mis-Sinjura Elisa Fenech u l-bandisti solisti kienu Peter Cini, Joseph Zammit u Pawlu Grech

**2005:** il-Hadd 16 ta' Ottubru, issejhet laqgha straordinarja ghas-soci fejn sar qbil li ssir elezzjoni bikrija ghall-kumitat gdid. Fix-xahar ta' Novembru ta' din is-sena minflok tithalla ghall-Frar ras-sena diehla, kif kien isir fis-snin imghoddija.

**2005:** Nhar il-Hadd 20 ta' Novembru ghall-elezzjoni tal-kumitat xi membri mill-kumitat li xolja, ghazlu li ma jikkontestawx li huma Gorg Bianchi, Raymond Zerafa, Mario Chircop, Jean Pierre Fenech u Rita Theuma Axisa. Il-lista shiha tal-membri li se jjiehdu sehem fl-elezzjoni huma Borg Demis, Chircop Gorg, Deguara Victor, Falzon Anton, Galdes Carmelo, Mamo Joe, Micallef Alfred, Micallef Charlie, Testa Joe, Vella Indri, Zammit Twanny (Taz-Zejt).

**2005:** Il-Hadd 27 ta' Novembru, inghalqet il-votazzjoni ghall-kumitat il-gdid li saret fuq jumejn. Il-membru li baqa' barra huwa s-Sur Demis Borg (59). Il-bqija tal-membri gew eletti huma Alfred Micallef (Paddy) (135), Chricop Gorg (133), Zammit Anthony (taz-zejt) (130), Joe Testa (130), Patrick Brancaleone (129), Charlie Micallef (121), Joe Mamo (121), Carmelo Galdes (116), Indrin Vella (116), Victor Deguara (113), Anton Falzon (95). Massimo Azzopardi baqa fil-kumitat minghajr ma kontesta l-elezjoni , b'approvazjoni tas-soci .

**2005:**, il-Kummissjoni Zghazagh Werqisti introduciet 'Il-Werqisti Kidz Club' ghat-tfal tal-membri.

**2005:** Il-Gimgha 16 ta' dicembru sar il-Home Concert Annwali fis-Sala l-Kbira tal-kazin li fih daqqew ghall-ewwel darba 4 allievi Tristan Vella (Euphonium), Christian Lewis (Trombone), Rebecca Camilleri u Anne Marie Grech (Eb Clarinet). Ghal dan il-kuncert bhala mistieden specjali kellna lil Mro Raymond Zammit F.L.C.M. Il-Banda kienet taht id-direzzjoni kemm tal-ghalliema Ms.Jo Therese Deguara kif ukoll tas-Surmast Direttur Mario Testa li ha post l-indispost l-Asst. Mro Joseph Belli. Ha sehem ukoll it-tfajjel bravu Matthias Brancaleone b'zewg kanzunetti "Bells of Betlehem" u "Caro Gesu Bambino".

**2005:** Il-Hadd 18 ta' Dicembru fuq inizzjattiva tal-Kunsill Lokali, il-banda Werqista hadet sehem maz-zewg baned l-ohra tal-Belt Pinto fl-okkazjoni tal-festi tal-Milied b'ghanjiet li jixirqu ghal dawn il-granet ta' ferh. Wara sar reciviment fil-kazin kemm ghall-membri tal-kumitat kif ukoll ghall-bandisti tat-tliet l-ghaqdiet muzikali.

**2005:** 20 ta' Dicembru thabbret il-mewt tas-Sur Alfred Cassar, missier id-direttur spiritwali l-Arcipriet Dun Anton Cassar. B'turija ta' rispett twahhal ic-coff iswed mal-bieb tal-kazin.

**2005:** 28 ta' Dicembru jum sabih xemxi li ttapan bit-thabbir tal-mewt tal-membru Emeritus Christopher borg fl-eta' ta 28 sena. Il-bandiera ttelghet mezz'asta u twahhal ic-coff l-iswed mal-bieb. Fil-kazin bdiet it-thejjija biex il-banda ddoqq fil-funeral tieghu.

**2005:** 29 ta' Dicembru bhas-snin l-imghoddija il-banda taghna marret tferrah lill-anzjani f'Has-Serh (San Vincens de Paul). Bosta mill-anzjani hassew mill-gdid il-ferh ta' zghozithom u bdew ikantaw l-ghanjiet ta' tfulithom maghna.

**2005:** 30 ta' Dicembru jum il-funeral ta' Christ Borg. Funeral memorabbli ghal dan iz-zaghzugh habrieki. Il-quddiesa kkoncelebrata saret fis-2.30 p.m. fil-parrocca ta' San Sebastjan, fejn kien jghammar. Il-knisja kienet mimlija daqs bajda u ma' Rev. Dun David Cilia kkoncelebraw sitt qassisin ohra. Ma' tmiem l-quddiesa l-katavru tieghu akkumpanjat mill-banda San Gorg Martri b'daqq ta' marci funebri ingieb fil-parrocca taghna fejn indifen fic-cimiterju "Rezurezzjoni". Il-korteo ghadda min quddiem il-kazin taghna fejn barra li nghata salut b'fanfarra mill-kurunetti fil-gallerija, inxthetu fjuri fuq it-tebut abjad. Ittelghet u tnizzlet ukoll il-badniera b'turija ta' qima.

**2006:** 17 ta' Jannar halliena l-Bandist Emeritus is-Sur Gorg Scicluna u l-banda daqqitlu l-marci funebri fil-funeral tieeghu nhar il-hamis 19 tax-xahar mill-knisja sal-konfini tal-parrocca taghna minfejn ittiehed sac-Cimiterju tal-Addolorata. Il-korteo waqaf quddiem il-kazin biex jinghata l-ahhar tislima . Wara l-korteo twassal bil-banda safejn l-Abbatija, mnejn il-katavru tieghu twassal sac-Cimiterju tal-Addolorata.

**2006:** 18 ta' Jananr l-Ghaqda Muzikali tilfet imsieheb anzjan iehor, is-Sur Pietru Barbara li ghamel madwar 20 sena bhala barmen tal-kazin. Il-banda wkoll hadet sehem fil-funeral tieghu. Nhar is-Sibt fl-20 tax-xahar sellmitlu tal-ahhar mill-knisja sa' tarf il-parrocca mnejn ittiehed lejn ic-Cimiterju tal-Addolorata.

**2006:** 7 ta' Frar saret Lejla Muziko-Letterarja mil-banda taghna fil-kappella ta' San Vincenze de Paul f'gieh Carmelina Zammit armla tal-ex president tas-Socjeta' taghna l-Avukat Gorg Zammit, li llum lahqet il-100 sena .

**2006:** 22 ta' Frar il-banda taht id-direzzjoni ta' Mro Mario Testa rrekordjat sett ta' marci funebri fl-Oratorju Fetsiv Sagra Familja. Maghhom izzanzan l-Innu l-gdid Is-Seba' Duluri ta' Marija Santissimma, kompozizzjoni tas-surmast direttur stess fuq kliem tas-Sur Gorg Bianchi. Hadu sehem is-soprano Rosabelle Bianchi u t-tenur Francis Mangion. Bhala narratur kien il-maghruf is-Sur Charles Abela Mizzi.

**2006:** 6 ta' Marzu sar il-funeral tas-Sur Guzi Vella membru Onorarju u l-banda akkumpanjatu fil-korteo mill-knisja ghac-cimiterju tal-parrocca. Is-Sur Vella barra li ghamel zmien membru fil-kumitat, dam snin ukoll il-president tal-Kumpanija Teatrali Anici li twieldet fil-kazin taghna. F'zoghzitu kien ukoll partitarju attiv u jiffrekwenta ta' sikwit il-kazin.

**2006:** 26 ta' Marzu il-Hadd issejhet is-seduta annwali tas-soci li fiha sehhew diversi zviluppi. Il-membri onorarji Spiru Aquilina, Gorg Schembri u Ninu Agius li gew onorati fis-seduta precedenti b'approvazzjoni unanima lkoll saru Emeriti filwaqt li ohrajn godda s-Sinjuri Gwido Zammit, Walter Pawley u Johnny Vella u Godwin Borg inhatru Membri Onorarji.

**2006:** 27 ta' Marzu thabbret il-mewt tas-Sur Gino Meli wiehed mill-mebri attivi.

**2006:** 30 ta' Marzu il-Hamis fil-knisja Arcipretali saret quddiesa b'suffragju ghar-ruh tal-mejtin tas-Socjeta', partikularment gahl dawk li hallewna din is-sena. Il-Kan. Dun Felic Tabone kien iccelebrant.

**2006:** Il-kumitat attwali hass il-htiega li jsir arkivju iehor . Bis-sahha tal-benefattur kbir tal-kazin is-Sur Lukardu Borg inbeda x-xoghol li gie fdat l-imghallem ta' hila s-Sur Livio Deguara. Kif ghamel fi progetti ohrajn fil-kazin se jkun minghajr hlas.

**2006:** 9 ta' April Hadd il-Palm il-programm tradizzjonali vokali u strumentali mill-Banda San Gorg Martri f'misrah San Frangisk. Indaqq u tkanta l-innu l-gdid 'Is-Seba Duluri' kompozzizjoni tas-surmast direttur u lirika tas-Sur Gorg Bianchi. Bil-partecipazzjoni tas-Sur Charles Abela Mizzi bhala narratur, Rosabelle Bianchi (Soprano) u Francis Mangion (Tenur). Is-Sur Mario Camilleri mexxa s-serata.

<u>Tnediet il-kanzunetta 'Fi Qlubna l-Werqisti'.</u>

**2006:** Il-Hadd 23 ta' April Attivita mill-Kummissjoni Zghazagh Werqisti li kisbet success kbir. Tnediet il-kanzunetta 'Fi Qlubna l-Werqisti' kliem ta' Gorg Bianchi u muzika ta' Andrew Zammit. Bhala kantant intaghzel Lawrence Gray, intlaqghet tajjeb hafna. Mistednin distinti fost ohrajn kien hemm l-Arcipriet tal-parrocca l-Kan Dun Anton Cassar,

is-Sindku s-Sur Jesmond Aquilina u l-bqiija tal-kunsillieri. Is-Sur Jason Busuttil kunsilier u membru fl-Ghaqda taghna, ghamel video-clip tal-kanzunetta .

**2006:** 28 ta' Mejju waqt il-programm tal-gheluq tac-celebrazzjoni ta' Jum Hal Qormi, thabbar li l-oghla unur tal-Belt Pinto ghal din is-sena nghata lis-Sur Joseph F Grima u s-Socjeta' taghna ferhet ghax huwa membru taghna kif ferhet mal-imsiehba l-ohra Emanuel Debono, l-ahwa Raymond u Silvio Zerafa , li f'din il-lejla stess nghataw il-gieh tal-'Gharfien il-Hila".

**2006:** 29 ta' Mejju thabbret il-mewt tal-kanonku penitenzier Dun Guzepp Zammit. Dan is-sacerdot habrieki ghamel zmien bhala direttur spiritwali tal-kazin taghna. B'turija ta' rispett twahhal ic-coff mal-bieb. Meta dan is-sacerdot spicca minn raghaj Spiritwali tal-kazin dahlet is-sistema li jinhatar awtomatikament l-Arcipriet tal-mument.

<u>Tinfetah ufficjalment is-Sala Christopher Borg.</u>

**2006:** Il-Hadd 18 ta' Gunju fit-8.00 p.m. infethu ufficjalment is-Sala Christopher Borg mis-Sur Leli Borg missieru u s-Sala 7 ta' Ottubru mill-president attwali s-Sur Lawrence Montebello. Is-swali tbierku mill-arcipriet tal-parrocca l-Kan. Dun Anton Cassar, hadet sehem il-banda. Wara sar riceviment ghall-mistednin distinti.

**2006:** Il-Hadd 18 ta' Gunju f'din l-okkazjoni zzanzan ukoll it-tizjin tal-faccata tal-kazin. Xoghol sabih li hadmu fuqu minbarra l-membri tal-Kummissjoni Zghazagh, is-Sinjuri Silvio Pace li ghamel id-disinn, Rafel Aquilina ix-xoghol tad-dawl u d-drapp kien taht f'idejn Henry Attard. Ilkoll taw sehemhom bla hlas.

**2006:** Il-Hamis sar il-marc tradizzjonali bl-istatwa ta' San Gorg fuq iz-ziemel. Marc grandjuz ta' briju mill-aqwa, li attendew ghalih il-Qriema bi hgarhom flimkien ma ghadd kbir ta' Maltin u Ghawdxin. Il-partitarji kien fihom ghaxqa jakkumpanjaw bil-kant mal-marci brijuzi. Qabel ittelghet l-istatwa tkantat mill-maghruf Lawrence Gray l-Ghanja l-gdida 'Fi Qlubna l-Werqisti. Waqt l-esekuzzjoni taghha ntwerriet video-clip fuq lizar kbir. Xoghol tas-Sur Jason Busuttil. Min fuq il-bjut ukoll, madwar il-pjazza nxteghlu stuppini u gassijiet li verament holqu spettaklu kbir.

**2006:** Is-Sibt lejliet il-festa 24 ta' Gunju il-banda taht id-direzzjoni ta' Mro Mario Testa hadet sehem bil-kbir fil-programm tradizzjonali vokali u strumentali fi Pjazza San Frangisk. Kellna l-partecipazzjoni tal-kantant popolari Enzo Guzman ma' Gloriana Arpa u Kimberly Grech. Bhala mistiedna distinti kellna membri parlamentari, lis-Sindku u l-kunsilliera kif ukoll l-arcipriet tal-parrocca.

<u>Programm klassiku fil-Lukanda Palace f'H' Attard.</u>

**2006:** Is-Sibt 7 ta' Ottubru fil-Lukanda Palace f'H'Attard sar il-programm vokali u strumentali taht il-patrocinju tas-Sindku s-Sur Jesmond Aquilina. Lejla tabilhaqq kbira u pjacevoli meta ndaqqet muzika mpenjattiva b'ghadd ta' solisti bandisti Christian Micallef,

Paul Grech, Peter Cini u Aurelio Belli jiddintingwu ruhhom. Sintendi hadu sehem il-kantanti Rosabelle Bianchi u Francis Mangion u l-baxx Albert Buttigieg. Il-badna kienet taht id-direzzjoni ta' Mro Mario Testa u s-serata tmexxiet mis-Sur Ray Azzopardi.

**2006:** 1 ta' Novembru ma' sbih il-jum xterdet l-ahbar li miet il-Kan. Dun Gwakkin Schembri qassis umli gharef u studjus mill-kbar. Verament ruh tajba. Kien kontributur ghall-programmi tal-festa taghna "Il-Banda San Gorg Martri Ssellem".

**2006:** 6-9 ta' Novembru l-Ghaqda taghna laqghet stedina minghand il-Management tal-BMC UK Ltd fl-Ingilterra biex tintbaghat Piccola Banda ghall-ftuh tal-fiera f'Birmingham fl-Ingilterra. Bejn is-6 u 9 ta' dan ix-xahar hallew Malta grupp ta' 16 –il bandist akkumpanjati mis-Mro Mario Testa u Mr Charles Micallef PRO. Din il-mawra sehhet bis-sahha ta' Mr.Clive Macnally, il-benefattur Emeritus li taghha huwa c-Chairman.

**2006:** 8 ta' Dicembru il-bandaa wettqet stedina mill-management tal-Corinthia Palace Hotel f'H'Attard biex idoqq xi Christams Carols fil-prezenza tat-turisti.

<u>Jinfetah ufficjalment ix-xelter ta' taht il-kazin.</u>

**2006:** Il-Gimgha 16 ta' Dicembru sar il-home Concert iddedikat lill-alievi speci jum il-genituri. Attendenza sabiha mliet is-sala tal-kazin. Il-banda daqqet siltiet muzikali ghal zmien il-Milied, taht id-direzzjoni ta' Ms. Jo Therese Deguara kif ukoll ta' l-asst. Joseph Belli. Ha sehem il-kantant Matthias Brancaleone b'zewg kanzunetti. Is-serata tmexxiet mis-Sur Mario Camilleri. Fuq inizzjattiva tal-K.Z.W. f'dan il-jum kellna l-ftuh ufficjali tax-xelter li jinsab taht il-kazin. Ghadd kbir ta' soci attendew f'din l-okkazjoni.

**2006:** It-Tnejn 26 ta' Dicembru sar il-party tat-tfal tal-imsehbin u l-bandisti fis-sala tal-kazin. Attendew ghadd kbir ta' tfal u qasmu l-ferh flimkien bil-prezenza tal-'Clown", tqassmu r-rigali u ghall-ewwel darba l-Kidz Club tella' rexta dwar il-Milied bit-titlu l-Milied mil-lenti tat-tfal li ntlaqghet tajjeb hafna.

<u>Il-banda ddoqq quddiem l-istatwa ta' San Gorg li tinsab fil-parrocca ta' San Bastjan.</u>

**2007:** Il-Hadd 25 ta' Frar fil-ftuh ufficjali tal-lokal il-gdid tal-Kunsill Lokali f'Hal Qormi il-banda hadet sehem b'daqq ta' marci brijuzi. F'din l-okkazjoni sehhilha wara sittin sena iddoqq mill-gdid quddiem l-istatwa ta' San Gorg Martri fix-xaqliba tal-parrocca l-ohra. Daqqet l-innu marc "Gorgi Taghna" u ttiehed ritratt ta' tifkira.

**2007:** Il-Hadd 26 ta' Frar thabbret il-mewt tas-Sur Johnny Frendo. Imsieheb regolari taghna kif ukoll il-fotografu ufficjali ghall-bosta snin. Il-funeral tieghu sar jumejn wara bil-partecipazzjoni ta' huh l-Isqof Awziljarju fl-Albanija.

**2007:** Il-Hadd 18 ta' Marzu f'din is-Seduta Generali barra t-talba ghar-rizenja tal-president attwali s-Sur Lawrence Montebello giet diskussa wkoll ir-rizenja tal-kaxxier is-

Sur Alfred Micallef. Fl-istess seduta nhatar president pro-temp is-Sur Charlie Micallef kif ukoll b'vot unanimu Mr.Clive Macnally inhatar President Emeritus. Inghaqdu mill-gdid tlieta mill-membri li ma kontestawx fl-ahhar elezzjoni li huma Jean Pierre Fenech flimkien ma' l-ahwa Mario u Gorg Chircop.

Il-president Emeritus Dr.Ugo Mifsud Bonnici jiftah il-wirja.

**2007:** Il-Hadd 17 ta' Marzu il-President Emeritus Dr.Ugo Mifsud Bonnici fetah il-wirja tax-xelter li jinsab taht il-kazin u l-wirjiet tal-Gimgha l-Kbira fis-Sala 7 ta' Ottubru. Il-banda taht id-direzzjoni ta' Mro Mario Testa daqqet xi marci funebri waqt din l-attivita.

**2007:** Il-Hamis 21 ta' Gunju Il marc tradizjonali ta San Gorg fuq iz-Ziemel mill-banda Werqista li ntemm f'misrah San Frangisk. Il-kantant popolari Ludvic Galea ha sehem bil-kanzunetta 'Music' b'lirika f'gieh San Gorg martri. Xi dilettanti Qriema li jahdmu n-nar hadu sehem b'wirja spettakolari bin-nar tal-ajru, li kien sinkronizzat mal-muzika. Kienet dehra li tghaxxqek in-nar minn fuq il-bjut li jdawru l-misrah.

**2007:** Il-Gimgha 22 ta' Gunju tajna merhba fil-kazin lil Mons. Isqof Gorg Frendo O.P. sar il-bdil tal-karlotta biex tinzamm bhala tifkira. Inqrat peozija tal-okkazjoni miktuba minn Gorg Bianchi u nqrat Mro.Mario Testa. Fost il-mistednin barra l-familjari tal-membri tal-kumitat kellna wkoll lill-membri Emeritus. Wara sar riceviment.

Isir il-bdil tal-karlotta mal-isqof ta' Ghawdex.

**2007:** Il-Hadd 15 ta' Lulju, fuq inizzjattiva tas-Sur Gorg Grech Ghawdxi, ammiratur tal-Banda taghna kellna l-okkazjoni biex niltaqghu personalment mal-Isqof t'Ghawdex, qabel il-banda taghna bdiet il-marc ta' filghodu fil-festa ta' San Gorg il-Gzira Ghawdxija. Kif intemm il-Pontifikal Mons. Mario Grech hareg fuq iz-zuntier u ltaqa' mal-President is-Sur Charles Micallef, fil-prezenza ta' bosta membri tal-kumitat. F'dak il-hin sar bdil tal-karlotta bhala tifkira ta' din il-laqgha specjali. Gentilment laqa' x-xewqa tal-president billi kitiblu messagg fuq il-karlotta tieghu. Il-banda taht id-direzzjoni ta' Mro. Mario Testa daqqet l-innu pontificju waqt dan l-avveniment storiku.

**2007:** Il-Gimgha 5 ta' Ottubru il-programm strumentali li ssoltu jsir f'jum il-fundazzjoni sar ilum minhabba cirkustanzi li ma kellniex kontroll fuqhom. Sar fl-Oratorju Sagra Familja taht id-direzzjoni ta' Mro. Mario Testa li fakkar ukoll il-hames anniversarju mill-hatra tieghu bhala surmast direttur. Ix-xoghlijiet li ndaqqu kienu jew kompozizzjonijiet tieghu jew arrangamenti li ghamilhom hu. Inghata token bhala tifkira.

**2007:** Il-Gimgha 9 ta' Novembru thabret irrizenja ta Mro Mario Testa min Surmast Direttur

**2007:** Is-Sibt 10 ta' Novembru thabret irrizenja kemm l-Ast. Surmast Mro. Joseph Belli kif ukoll l-ghalliema Ms. Jo Therese Deguara

**2007:** Il-Hadd 25 ta' Novembru il-kumitat sejjah laqgha ghall-bandisti tal-post biex jgharrafhom b'dak kollu li sehh fl-ahhar jiem. Dawn attendew bi hgarhom. Wara li izza hajr lill-eks surmast Mario Testa ghal hidmietu il-President habbar li wara li nfethu l-applikazzjonijiet sabiex jinhatar surmast direttur gdid,l-ghazla waqghet fuq Mro. Archibald Mizzi, Qormi kif ukoll prodott tal-istess kazin. Il-bandisti l-aqaw din l-ahbar b'approvazzjoni unanima. Fl-istess jum il-bandist Charles Baldacchino nghata rigal ckejken b'tifkira ta' gheluq il-25 sena tieghu bhala bandist tas-Socjeta'. Mro. Archibald Mizzi fl-istess hin introduca lil Mro. Jesmond Azzopardi bhala ghalliem fuq l-istrumenti tar-ram.

Jaghmel id-debutt tieghu bhala surmas tal-banda taghna Mro. Archibald Mizzi.

**2007:** L-Erbgha 19 ta' Dicembru Mro Archibald Mizzi jaghmel id-debutt ufficjali tieghu fil-Christmas Concert li sar fis-Sala tal-kazin. F'dan il-concert ha sehem il-kantant tfajjel Matthias Brancaleone b'zewg kanzunetti b'tema tal-Milied.

**2007:** L-Erbgha 19 ta' Dicembru thabbret il-mewt tas-Sur Gorg Mifsud Chircop fl-eta' ta' 56 sena. Gorg barra li kien Qormi attiv hafna fil-qasam kulturali u kittieb ta' bosta kotba dwar ilsienna, kemm-il darba baghatilna kitbietu ghar-rivista annwali lis-socjeta' taghna tippubblika fil-jiem tal-festa tal-patrun San Gorg Martri.

**2008:** Mro.Joseph Belli ddecieda li jirtira d-decizjoni tieghu li ha xi zmien qabel u nghaqad mill-gdid bhala Asst. Surmast tal-banda taghna.

**2008:** L-Erbgha 13 ta' Frar, thabbret il-mewt ta' Grezzju Cassar fl-ghomor ta' 62 sena, wiehed mill-imsiehba anzjani li kellha s-Socjeta'. Bhala sinjal ta' luttu twahhal ic-coff mal-bieb tal-kazin.

**2008:** Il-Gimgha 15 ta' Frar wasslitilna l-bxara kerha li halliena missier il-President attwali Mikiel Micallef fl-eta' ta' 75 sena. Bhala procedura barra c-coff iswed mal-bieb ittellghet il-bandiera mezz'asta.

**2008:** L-Erbgha 20 ta' Frar b'soghba kbira sirna nafu li halla dan il-wied tad-dmugh is-Sur Felic Micallef ta' 81 sena. Ghamel snin bhala membru tal-kumitat u kien insieheb habrieki tabilhaqq. Hadem bis-shih fit-tisbih tal-kazin. Il-funeral tieghu sar il-Gimgha 22 ta' Frar, il-membri tal-kumitat attendew ghall-quddiesa u b'turija ta' rispett twahhal ic-coff mal-bieb u ttellghet il-bandiera mezz'asta.

**2008:** thabbret il-mewt tas-Sur Johnny Vella, membru Onorarju tas-Socjeta'. Kien bniedem habrieki u kellu s-Socjeta' marbuta ma' qalbu. Tnizzlet il-bandiera mezz'asta.

**2008:** Il-Hadd 13 ta' Marzu saret is-seduta generali annwali ghas-soci. F'attendenza sabiha gie kkonfermat unanimament bhala President is-Sur Charles Micallef. Wara kellu jigi deciz jekk issirx elezzjoni jew jigux kkonfermati l-kontestanti minghajr il-htiega tal-

elezzjoni. Minghajr il-htiega tal-elezzjoni gew ikkonfermati dawn il-membri Joe Mamo, Toni Zammit, Patrick Brancaleone, Alan Zammit, George Chircop, Spiru Saliba, Nenu Galdes, Romano Tabone, Christian Micallef u Ludvic Vella .Bhala delegati tal-banda gew ikkonfermati Eugene Apap u Charlene Agius.

Fl-istess seduta ssemmiet l-ittra ta' skuza mibghuta minn Mro. Abel Mizzi wara li b'seduta generali kien tnehha minn Surmast Emeritus . Wara li tqies is-servizz twil li kellu warajh ,bi qbil unanimu mis-soci, l-eks surmast inghatatlu lura l-hatra ta' Surmast Emeritus b'kull fritt u beneficcji li jorbtu maghha.

**2008:** It-Tnejn 26 ta' Mejju thabbret il-mewt tal-membru Alfred Fenech fl-ghomor ta' 68 sena. Uliedu Gorg u Tonio ex bandisti kienu ghal diversi snin fil-kumitat. B'sinjal ta' luttu twahhal ic-coff l-iswed mal-bieb tal-kazin u l-bandiera tnizzlet mezz'asta.

**2008:** Is-Sibt 28 ta' Gunju l-programm vokali u strumentali ta' lejliet il-festa kien l-ewwel wiehed ghal Mro. Archibald Mizzi bhala surmast direttur tal-Banda Werqista. Programm ta' livell gholi li kien imzewwaq sew. Hadu sehem il-kantanti Donna Agius u c-ckejken Matthias Brancaleone u Shanon Muscat. Bhala baritonu kellna lis-Sur Ivan Vella li kanta l-Inno A San Gorgio Martire ta' Vinvenzo Carabott. Il-Kor Mirabitur bhas-snin ta' qabel ukoll ha sehem taht id-direzzjoni ta' Ms. Simone Attard. Bhala comperess ghal din is-serata kellna lil Georgina Zammit u Mario Camilleri.

**2008:** Il-Hamis 3 ta' Lulju il-mewt ghalkemm kienet mistennija hasdet minn fostna lil Patri Gorg Debono 'Ta' Nora' li kien rikoverat fid-dar tal-kleru. Ammiratur kbir u iben il-miibki Pawlu Debono li kien attur mal-kumpanija Teatrali Anici kif ukoll huh Leli Debono, mastrudaxxa u membru anzjan li hadem diversi xoghlijiet ghall-kazin.

**2008:** saret kompetizzjoni ta' sparatura fuq tliet ijiem 8,9 u 10 ta' Awissu fix-Shooting Range tal-Handaq organizzata minn K.Z.W.

**2008:** Il-Hadd 24 ta' Awissu halla dan il-wied tad-dmugh John Azzopardi socju anzjan, twahhal ic-coff mal-bieb b'sinjal ta' rispett.

**2008:** It-Tlieta 26 ta' Awissu inghaqad fi hdan il-Mulej is-Sur Gorg Baldacchino 'Il-Poplu' li kien ukoll membru fil-kumitat Festi Esterni. Kien fuq proposta tieghu li twieled l-innu marc 'Gorgi Taghna'. Ibnu Carmel huwa bandist ta' din is-Socjeta'. Il-bandiera tnizzlet mezz'asta u twahhal ic-coff iswed mal-bieb.

<u>Organizzata mawra lejn kemmuna.</u>

**2008:** Is-Sibt 30 ta' Awissu KZW organizzat boat party lejn kemmuna. Kien hemm attendenza sabiha u ntlaqghat tajjeb hafna.

**2008:** L-Erbgha 2 ta' Lulju is-Sur Terence Cini ha t-tmexxija tal-Bar tal-kazin wara li ntemmlu l-kuntratt is-Sur Massimo Azzopardi.

**2008:** Il-Hadd 7 ta' Settembru miet Pawlu Cassar membru attiv fl-isports tal-kazin.

**2008:** Il-Hadd 28 ta' Settembru Seduta Generali ghas-soci li fiha thabbar li ser jigi aggornat l-istatut. Is-soci gew imhajjra ghal xi suggerimenti ghat-tibdil.

Titfakkar il-100 sena mit-twelid tal-Avukat Gorg Zammit.

**2008:** It-Tlieta 7 ta' Ottubru sar programm vokali u strumentali b'tifkira tal-fundazzjoni. Tfakkar ukoll il-mitt sena mit-twelid tal-avukat Gorg Zammit billi nqraw xi xoghlijiet tieghu li nqraw minn Dr.Jospeh F Grima, Dr. Anthony Aquilina u s-Sur Mario Camilleri mexxa wkoll is-serata. Xoghol li hadet hsiebu l-Ghaqda Guze' Muscat Azzopardi Awturi Qriema. Tkantat b'sorprisa 'Bewsa lil Malta' kitba ta' Gorg Zammit mmuzikata minn martu stess. Kantat Rebecca Bonnici. Attendew uliedu Celine u Marselline fost qraba ohra. Il-Banda kienet taht id-direzzjoni ta' Mro. Archie Mizzi.

**2008:** Il-Hadd 16 ta' Novembru saret quddiesa b'suffraggju tal-membri mejtin fil-kappella ta' San Frangisk. Il-quddiesa giet iccelebrata minn Dun Karm Grech. Il-letturi kienu Patrick Brancaleone asst. segretarju u Charlie Micallef, president.

**2008:** Il-Hamis 10 ta' Dicembru thabbret il-mewt tas-Sur Pawlu Cardona l-aktar imsieheb anzjan li kien fadal. Barra li kien membru antik, ibnu Joe huwa bandist regolari kif ukoll iz-zewg neputijiet Johnny u Edward kienu bandisti ghal xi snin. Jigi z-ziju tal-bandist Gorg Bianchi. B'sinjal ta' rispett il-kazin tella' l-bandiera mezz'asta kif ukoll ic-coff iswed mal-bieb.

**2009:** Il-Hadd 29 ta' Marzu saret is-seduta generali ghas-soci.

L-eks avukat legali tal-kazin taghna jinhatar president ta' Malta.

**2009:** Il-Hadd 4 ta' April bi pjacir ghall-Qriema partikularment il-banda taghna l-avukat Gorg Abela nhatar bhala President ta' Malta, ghal bosta snin huwa kien l-avukat legali tal-kazin taghna. Minn qalbna nifirhulu.

**2009:** Il-Hamis 23 ta' April f'jum San Gorg Martri barra s-soltu marc mill-banda kellha l-okkazjoni li tiltaqa' ma' l-E.T. l-avukat Gorg Abela wara tmiem il-quddiesa fuq iz-zuntier. Il-President is-Sur Charles Micallef pprezentalu frame tal-fidda b'ritratt ta' San Gorg fuq iz-ziemel bhala tifkira.

**2009:** Is-Sibt 9 ta' Mejju thabbret il-mewt tas-sinjura Concetta Micallef, omm il-president attwali. Bhala sinjal ta' luttu twahhal coff mal-bieb u ttellghet il-bandiera mezz'asta. Il-

funeral sar l-ghada li ghalih attendew bi hgarhom kemm il-membri tal-kumitat kif ukoll l-ghaqdiet fi hdanha.

**2009:** It-Tnejn 25 ta' Mejju f'Jum Hal Qormi il-banda taghna hadet sehem fil-marc organizzat mill-Kunsill Lokali. Minhabba li din is-sena kellna lill-President ta' Malta E.T. Dr. George Abela li ppatrocinja s-serata gew mistiedna jiehdu sehem ukoll iz-zewg baned Qormin l-ohra.

Il-Presidenti tas-Socjeta' kienu dawn:

| | |
|---|---|
| Guzzeppi Farrugia (Fundatur) | 1893-1896 |
| Emanuele Farrugia | 1896-1901 |
| Anton Stivala | 1901-1911 |
| Robert Bencini | 1911-1920 |
| Emanuele Mizzi | 1920-1924 |
| Fortu Ellul P.L. | 1924-1950 |
| Avukat Gorg Zammit | 1950-1972 |
| Kan. Dun Gorg Bonello | 1972-1976 |
| Victor Formosa | 1976-1978 |
| Ismael Mizzi | 1978-1990 |
| Nutar J. P. Hayman | 1990-1993 |
| Victor Formosa | 1993-1995 |
| Nutar R. Vella Baldacchino | 1995-1996 |
| Kan. Dun Gorg Bonello | 1996-1998 |
| Mario Demicoli | 1998-1998 |

| | |
|---|---|
| Joe Caruana | 1999-2002 |
| Lawrence Montebello | 2002-2007 |
| Charlie Micallef | 2007- |

Is-Surmastrijiet Diretturi tal-Banda kienu dawn:

| | |
|---|---|
| Giusieppe Portelli/ Gorg Zarb | 1893-1894 |
| Carmelo Abela | 1894-1898 |
| Vincenzo Carabott | 1898-1906 |
| Nikola Montebello | 1906-1924 |
| Giovanni Vella | 1924-1950 |
| A.Muscat Azzopardi A.(Mus)LCM | 1950-1963 |
| Abel J Mizzi A.(Mus) LCM | 1963-2002 |
| Mario Testa Dip.Mus.E.I.H.E. (HC) | 2002-2007 |
| Archibald Mizzi L. (Mus) L.C.M. | 2007- |

Taghrif aggornat u migbur mis-Sur Gorg Bianchi, mizjud mat-taghrif fil-qosor mehud mill-ewwel snin tal-istorja tal-kazin miktuba mis-Sur Joe. F. Grima Ph.D.M.A. Dip.Educ.,MIM. Referenzi mill-kotba 'L-Ghaqda Muzikali San Gorg Martri Ssellem' li s-Socjeta' ipppublikat kull sena mill-1985.